GĦADD 397 • FRAR 2020 • L-40 SENA

# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

## 100 Sena

Mill-ftuħ tal-Kappella
Madonna ta' Lourdes
Kapuċċini, Floriana






"Id-dar tiegħi
tkun dar it-talb".
Lq 19:46

NIĊĊELEBRAW IL-100 SENA MILL-FTUĦ TAL-KAPPELA
TAL-MADONNA TA' LOURDES - TAL-FRANĠISKANI KAPUĊĊINI - FIL-FURJANA

NEWSPAPER POST IISN 1811-5373

# WERREJ


**3 EDITORJAL**
**"Timxux max-xejra ta' din id-dinja..." (Rum. 12, 2)**
FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

**6 BIBBJA**
**Il-Korla (8) (L-Ewwel Parti)**
MONS. LAWRENZ SCIBERRAS

**8 PASTORALI TAS-SAĦĦA**
**Ħenn għaliha u għad-dinja kollha!**
FR MARIO ATTARD OFMCAP

**10 ESPERJENZA MISSJUNARJA FIL-FILIPPINI**
**"Min mejjet fis-sakra u min mejjet għal qatra!"**
FR PAWL BUGEJA OFMCAP

**13 SPIRITWALITÀ ĠUŻEPPINA**
**San Ġużepp - 150 sena patrun tal-Knisja Universali Leġġenda Tarxiniża**
JOSEPH C. CAMILLERI BA; DEAM; M.ED. (PL. & MGT)

**15 SPIRITWALITÀ FRANĠISKANA**
**San Franġisk t'Assisi qaddis mudell għad-dinja tal-lum (It-Tieni Parti)**
FR MARTIN MAMO OFMCap

**17 AĦWA LI DAĦLU FL-ETERNITÀ**
**Patri Marċellino Vella - Il-bniedem li ta qalbu, moħħu u jdejh f'ħidma bla waqfien favur il-fqar**
FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

**24 KNISJA: ĦAJJA, ĦIDMA U AĦBARIJIET**
**Ir-riforma tal-Knisja u l-vera konverżjoni-Il-messaġġ ta' Lourdes u l-100 sena tal-Kappella fil-Furjana**
FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap

**26 AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA**
**Mid-Djarju tal-Kapuċċini Maltin**
BR MIGUEL ZAMMIT OFMCAP - SEGRETARJU PROVINĊJALI

**30 RIĊETTI TAL-QADDISIN**
**San Papa Giovanni XXIII - Polenta**
FR PAUL BUGEJA OFMCap

**31 KOMPETIZZJONI**
FR WISTIN ATTARD OFMCap





### Ħsieb tal-faċċata

Niċċelebraw kif inhu xieraq l-ewwel ċentinarju mill-bini u l-ftuħ tal-kappella tal-Madonna ta' Lourdes li l-Franġiskani Kapuċċini għandhom fil-Furjana. Imkien ta' devozzjoni Marjana, ta' talb, ġabra u konverżjonijiet. Kappella ta' mitt sena... ħajja u attiva.

*Disinn: Br. John Cassar OFMCap*

# BORD EDITORJALI


Editur
Fr Philip Cutajar OFMCap

Amministratur
Dorian Holland OFS

Distributur Malta
Alfred Ebejer

Distributur Għawdex
Pierre E. Buttigieg OFS

Membri
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - F.Act



Direzzjoni u Amministrazzjoni
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana - FRN1211

Telefown: 2123 3874, 2122 5525, 2123 4949

Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com

IISN 1811-5373

Disinn u Stampar: Best Print Co. Ltd
Telefown: 2168 0789



© Dawl Franġiskan 2020



Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini

Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena


Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:
Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana - FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

FR PHILIP CUTAJAR OFMCap



# "TIMXUX MAX-XEJRA TA' DIN ID-DINJA…" (RUM. 12, 2)

San Pawl fl-ittra tiegħu lir-Rumani fit-2 kapitlu, it-tieni vers jiftħilna għajnejna, iwissina u jgħidilna: *"Timxux max-xejra ta' din id-dinja, iżda nbidlu skont it-tiġdid ta' fehmietkom, biex iseħħilkom tagħrfu x'inhi r-rieda ta' Alla, x'inhu t-tajjeb li jogħġbu, x'inhu perfett."* Kemm għandna bżonnu dan il-kliem, mhux biss illum jew għaż-żmien tar-Randan imqaddes, li lejn l-aħħar tax-xahar ta' Frar nagħtu bidu għalih, imma dejjem. Dejjem għandna bżonn li nisimgħu u npoġġu fil-prattika din it-twissija ta' San Pawl, għax tassew tgħodd ħafna għalija u għalik, u mhux inqas għas-soċjetà li qed ngħixu fiha llum.

## GĦALKEMM FID-DINJA IMMA M'AĦNIEX TAD-DINJA

Din kienet fuq kollox anke t-talba ta' Kristu fl-aħħar ikla tiegħu mal-appostli. Dakinhar huwa talab għalihom u għalina lil Alla-Missier, sabiex: *"Ma nitolbokx li twarrabhom mid-dinja, imma li tħarishom mill-ħażin. Huma mhumiex tad-dinja bħalma jiena m'iniex tad-dinja"* (Ġw. 17, 15-16). Dan hu li jfisser li ma nħallux ix-xejra tal-ħażin u tad-dnub tad-dinja jaħkmuna, ikaxkruna u jagħmluna skjavi tagħhom. Imma filwaqt li nibqgħu fid-dinja bil-għan li nbiddluha għall-aħjar, billi nevanġelizzaw id-dinja, qatt ma nħallu d-dinja bil-frugħat kollha tagħha tbiddel lilna u tbegħedna minn Alla.

U għal dan jeħtieġ li ħafna drabi nħallsu prezz qares. Meta aħna nimxu kontra l-kurrent tad-dinja, id-dinja tobgħodna u tagħmel minn kollox biex twarrabna. Dan iseħħ għax inkunu ta' ċanfira, ta' xkiel għal dawk li jridu jgħixu skont ix-xejra tad-dinja. Ġesù stess qalhulna dan: *"Kieku intom kontu tad-dinja, id-dinja kienet tħobbkom bħalma tħobb dak li hu tagħha; iżda billi m'intomx tad-dinja, għax jien ħriġtkom mid-dinja, id-dinja tobgħodkom"* (Ġw. 15, 19). San Ġwann, meta jitkellem dwar dan is-suġġett, huwa ferm ċar meta



fl-Ewwel Ittra tiegħu jgħidilna: *"Tħobbux id-dinja u lanqas dak li hemm fiha. Jekk xi ħadd iħobb id-dinja, l-imħabba tal-Missier ma tgħammarx fih"* (1 Ġw. 2, 15).

Jeħtieġ li mmorru kontra l-kurrent tad-dinja billi ma nħallu qatt li d-dinja fil-ħażen tagħha taħkimna tant li tieħu prijorità fuq il-ħwejjeġ tar-ruħ, fuq dak li huwa spiritwali u etern: *"Xi jkun jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ħajtu?"* (Mt. 16, 26) ["imbagħad jintilef jew jinqered?" (Lq. 9, 25)]. Hawn tinsab il-ġlieda kontinwa u permanenti ta' kull bniedem, aktar u aktar ta' kull Nisrani li jrid jgħix bis-serjetà kollha s-sejħa tiegħu, kemm dik umana kif ukoll dik Nisranija: il-ġlieda tagħna kontra kull tip ta' ħażen, ta' dnub. San Pawl fl-Ittra tiegħu lill-Efesin jagħmilhielna ċara meta jgħidilna: *"Mill-bqija twettqu fil-Mulej u ssaħħu bil-qawwa tiegħu. Ilbsu l-armatura ta' Alla biex tkunu tifilħu għat-tnassis tax-xitan. Għax il-ġlieda tagħna mhijiex kontra d-demm u l-laħam, imma kontra s-setgħat, kontra l-qawwiet, kontra l-prinċpijiet ta' din id-dinja ta' dlamijiet..."* (Efesin 6, 10-12).

## NIMXU KONTRA L-KURRENT

F'din it-terminoloġija użata f'dawn is-siltiet meħuda mit-Testment il-Ġdid il-kelma **'dinja'** tfisser dak li huwa ħażin, dnub, f'konfront ma' Alla, il-kontra-valuri li jeħduha kontra l-valuri spiritwali u reliġjużi li aħna msejħin sabiex ngħixu. Mhux id-**'dinja'** f'sens ta' ħolqien. Il-ħolqien huwa kollu tajjeb għax ħareġ minn idejn Alla.

Għalhekk aħna, kemm bħala bnedmin kif ukoll bħala Nsara, imsejħin sabiex nirreżistu kull xejra tad-dnub tad-dinja li ma tħalliniex nagħmlu r-rieda ta' Alla. It-tendenza ta' kull bniedem hija li jitħalla jitkaxkar mal-kurrent tad-dinja, kemm f'dawk li huma opinjonijiet u tagħlim qarrieq kif ukoll f'dawk ix-xejriet li jwasslu għal kull tip ta' dnub li jbegħedna minn Alla. Irridu nieħdu deċiżjoni u nagħmlu għażla: jew nagħtu widen lil-leħen ta' Alla jew nimxu max-xejriet tad-dinja, li huma totalment opposti għal xulxin. Jew ma' Alla jew max-xitan.

## IL-PAPA FRANĠISKU

Meta l-Papa Franġisku jitkellem dwar dan is-suġġett jagħmel referenza għall-hekk imsejħa **'ndafa soċjali'**. Indafa soċjali fis-sens li s-sejħa tagħna bħala Nsara trid tkun mhux biss li ma nimxux max-xejra ta' din id-dinja imma li wkoll nagħmlu ħilitna sabiex innaddfu s-soċjetà mill-ħakma tad-dnub taħt kull forma li jista' jieħu. Espressjoni oħra li l-Papa Franġisku jħobb juża hija l-kelma **'mondanità'**. Kelma li tfisser li qatt m'għandna nħallu x-xejriet materjali tad-dinja tant jaħkmuna li jirrendu l-ħajja tagħna aktar pagana milli Nisranija. Dan il-Papa jgħidu b'mod speċjali lin-nies tal-Knisja, saħansitra anke lilna s-saċerdoti u r-reliġjużi, li dejjem nibqgħu fil-periklu li għax aħna fid-dinja nsiru tad-dinja, nitilfu l-identità tagħna u għalhekk insiru *"bħal melħ li jitlef l-imluħa tiegħu"* (Mt. 5, 13).

Dan l-appell tal-Papa Franġisku bil-għan li jkollna fina l-qawwa li mmorru kontra l-kurrent tad-dinja, kontra x-xejriet tad-






dinja, jindirizzah b'mod speċjali liż-żgħażagħ. F'dan il-kuntest iż-żgħażagħ huma l-aktar vulnerabbli, aktar faċli li jinġarru mal-kurrent. F'omelija li huwa għamel liż-żgħażagħ nhar it-28 ta' April tas-sena 2013 huwa jħeġġiġhom: *"Hawn qiegħed is-sigriet tal-mixja tagħna bħala dixxipli! Inħallu lill-Mulej jimliena bil-qlubija li mmorru kontra l-kurrent. Hemm bżonn kuraġġ kbir. Ma nħallu lil ħadd u lil xejn ifixkilna milli nagħmlu dan. L-importanti li nibqgħu magħqudin ma' Alla bħal fergħa li jeħtieġ li tibqa' magħquda maz-zokk."*

## NIXLU D-DNUB TAD-DINJA

Il-Papa Franġisku jasal sabiex anke jixli lid-dinja bid-dnub tagħha billi jispeċifika wħud mid-dnubiet ta' żmienna. Fost dawn isemmi: id-droga u d-dipendenza mill-alkoħol, il-korruzzjoni u l-inġustizzji, l-idoli li jaħkmuna bħalma huma l-flus u l-poter, l-isfreġju tal-ambjent u l-klima, il-materjaliżmu u l-edoniżmu flimkien mal-indifferenza quddiem il-fqir u l-vulnerabbli. Il-Papa jkompli jħeġġiġna billi jgħidilna li mhux biżżejjed li dawn is-saħtiet ta' żmienna ma nagħmluhomx, imma anke rridu nipprotestaw u nwaqqfu lil min jagħmilhom. Jeħtieġ li noħolqu edukazzjoni u formazzjoni kontrihom.

## IĊ-ĊENTRU HUWA KRISTU

F'din il-ġlieda tagħna kontra l-kurrent u x-xejra tad-dinja jeħtieġ li nżommu dejjem lil Kristu Ġesù bħala ċentru u mudell:

- Mudell għalina billi kif issielet Hu kontra x-xejriet tad-dinja ta' żmienu hekk nagħmlu aħna;
- Dan nagħmluh f'ismu u bil-qawwa li Hu jagħtina;
- Inkunu tassew dixxipli awtentiċi tiegħu bla ebda kompromessi jew ipokresija;
- Dan nagħmluh billi ngħixu skont l-Ispirtu ta' Alla li hemm fina u mhux skont il-ġisem... "dawn it-tnejn huma kontra xulxin" (ara Gal. 5, 16-26).

B'DAWN IL-ĦSIBIJIET
NAWGURALKOM RANDAN IMQADDES
LI JWASSALNA GĦAL KONVERŻJONI SĦIĦA U RADIKALI ■


# VUĊI MISSJUNARJA

jixxandar fuq Radju Marija



- Segwi l-esperjenzi u l-avventuri ta' ħutna l-Maltin u l-Għawdxin fl-artijiet tal-missjoni, esperjenzi li jħalluk bla nifs u bla kliem iżda li jimlewk b'ammirazzjoni għall-kuraġġ ta' dawn, l-eroj tas-skiet!
- Kun af bil-proġett ta' fejda li huma qed iwettqu għal miljuni ta' nies fil-bżonn nies imxerrda fl-erba' naħat tad-dinja.
- Issir taf dan kollu u ħafna aktar fil-programm VUĊI MISSJUNARJA li jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa fid-9.00pm fuq Radju Marija (102.3FM għal Malta u 107.8FM għal Għawdex) b'ripetizzjoni kull nhar ta' Tlieta fis-6.00am, bi produzzjoni u preżentazzjoni ta' Dr Frank Cassar u Helena Sammut.

MONS. LAWRENZ SCIBERRAS



# IL-KORLA (8) L-EWWEL PARTI



Meta jikteb dwar is-sentiment tal-korla, San Tumas minn Aquino jagħmel differenza ċara u li tipperswadik sew. Huwa jagħmel għażla bejn il-korla bħala vizzju, li aktarx tkun imsoqqija mill-għira, u l-korla minħabba l-ħeġġa jew żelu. L-għanijiet ta' din it-tieni għażla huma differenti sew minn xulxin. Il-korla għandha dik il-kapaċità li tkebbes u tqanqal l-individwu, billi twasslu biex meta jkun fil bżonn jirrikorri u jagħmel użu mill-enerġiji li jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu.

Il-korla wkoll iżżid dik il-kapaċità ta' difiża għall-individwu stess, u dan bħala protezzjoni. Ir-reazzjoni tal-korla twassal biex iddgħajjef l-avversarju billi tbeżżgħu u ġġagħlu jitbiegħed sew. Hekk l-attakk, li jkun ir-riżultat tal-korla, jisfaxxa fix-xejn.

Naturalment xejn mhu ta' min ifaħħar lil dak li jitħalla jitmexxa mir-rabja, jew jirrikorri ta' sikwit għaliha! Aktar u aktar meta din il-korla tkun imnibbta bejn żewġ persuni. San Pawl jitkellem b'ton f'postu ħafna meta jgħid: "Tinkurlaw? Imma tidinbux; tħallux ix-xemx tgħib fuq il-korla tagħkom u tagħtux il-wisa' lix-xitan" (Efes. 4, 26-27). Dan l-atteġġjament huwa differenti għalkollox mir-rabja għamja, tant li wieħed jista' faċilment jikkontrollaha. Ukoll, wieħed jista' jaħbiha għaliex esternament ma tidhirx. Anzi hemm pass ieħor 'il quddiem, fis-sens li meta wieħed jaħseb ftit dwar il-kuntest sħiħ tal-korla, jasal biex jgħakkes sew il-korla jekk mhux ukoll jirbaħha għalkollox.

## IL-KORLA FIT-TESTMENT IL-QADIM

L-oriġinal, mela l-ilsien Ebrajk, jippreżenta numru ta' kelmiet differenti minn xulxin u dan biex juri s-sentiment tal-korla.

Ovvjament kull kelma jkollha magħha tifsira partikolari waħda mill-oħra. Forsi l-aktar karatteristika marbuta mal-korla hija l-verb 'jilheġ'. Mela dan għandu x'jaqsam mal-infiħ tal-imnieħer. Għalhekk mela l-imnieħer isir dak l-organu marbut mal-korla: "U ħallejt jinqabdu ż-żwiemel, tellajt fi mnifsejkom l-intiena tal-kamp tagħkom" (Għam. 4, 10). "Duħħan ħareġ minn imnifsejh, u nar li jħarbat minn fommu" (Sl. 18, 9). Hawn jidher il-kuntest tal-korla fl-aqwa tiegħu.

Verb ieħor li wkoll huwa marbut mal-korla huwa 'jissaħħan', 'jitqanqal sew', kif ukoll 'jixgħel bir-rabja'. Dan il-ħsieb jiġi wkoll applikat ma' Yahweh. Hekk ġralu l-Fargħun tal-Eġittu meta martu gidbet fuq Ġużeppi: "U malli sidu sema' l-kliem li qaltlu martu: 'Dawn il-ħwejjeġ għamilli l-ilsir tiegħek,' xegħel bil-qilla" (Ġen. 39, 19). Eżempju ieħor tal-korla huwa dak ta' Mosè. Dan, hekk kif qorob lejn il-kamp u ra l-għoġol tad-deheb, "xegħel bil-korla, tajjar il-twavel minn idejh u kissirhom taħt il-muntanja." (Eż. 32, 19)

Jeżistu termini oħrajn li jiġu użati f'sens speċifiku biex jiddeskrivu kemm il-korla ta' Alla kif ukoll dik tal-bnedmin. Dawn huma 'tixgħel bir-rabja', 'taqbad nar', 'issir ruxxan' kif ukoll 'appassjonat lejn xi ħaġa'. Forsi dawn huma l-aktar prinċipali, però xorta waħda wieħed jista' jżid oħrajn magħhom, dejjem marbuta mal-korla. Dawn huma 'tfur bir-rabja', 'taqbeż il-limiti', 'tinfaqa'', 'tħebb', 'tisħet', 'titlef il-paċenzja', 'issir eċitat'.



Sa hawn rajna forma ta' rabja indirizzata lejn individwi. Biss, fil-Bibbja hemm ukoll eżempji ta' rabja fuq skala kollettiva. Mela nazzjon sħiħ li jixgħel bir rabja kontra Iżrael, jew ukoll kontra xi ħadd individwali. Hekk ġara meta l-kbarat tal-Filistin inkorlaw għal David u heddewh: "Ibgħat lura lil dan il-bniedem ħa jmur joqgħod f'postu, fejn tajtu joqgħod int" (1 Sam. 29, 4). Ara wkoll Salm 7, 7; Is. 51, 1.

## EŻEMPJI TA' KORLA

Il-korla meta mqanqla biex wieħed jiddefendi d-drittijiet tiegħu hija meqjusa bħala waħda leġittima, jekk mhux ukoll qaddisa. Ukoll, il-korla meqjusa sewwa meta l-mexxej juri li jkun hemm bżonn li jsir kif jgħid hu: "Iżda ma semgħux minn Mosè. Xi wħud minnhom ħallew għal filgħodu u ddewdilhom u tħassar, u Mosè għadab għalihom" (Eż. 16, 20). L-istess ħaġa għamel is-Sultan Sawl, meta sema' bil-logħba li n-nies kollha ta' Ġabes kienu qegħdin jonsbu kontra l-Iżraelin: "U malli sema' b'dan il kliem l Ispirtu ta' Alla ħataf lil Sawl, u dan saħan u inkorla bis-sħiħ" (1 Sam. 11, 6). L-istess ħaġa għadda minnha s-Sultan David (2 Sam. 12, 5). ■

FR MARIO ATTARD OFMCap



# ĦENN GĦALIHA U GĦAD-DINJA KOLLHA!

L-isptar huwa wieħed mill-aqwa kotba tal-ħajja. Fih il-paġni huma tant fini u fl-istess ħin ħarxa. Fih il-kitba, xi kultant... xi kultant tkun imħarbxa filwaqt li drabi oħra tkun impittra. Insomma, hi x'inhi din il-kitba, fiha hemm triq tad-deheb li twassal il-misteru tal-ħajja!

X'ħajja, hux! U liema ħajja? Dik li hi mċajpra mill-mard jew inkella dik li tmur lil hinn mill-mard li tkun li mdawra bih? Jew, biex ngħid hekk, dik il-ħajja li hi mgħottija bl-għatu tal-mard u x-xjuħija? Hu x'inhu l-każ, l-isptar jibqa' l-laboratorju veru tal-ħsibijiet tal-intellettwali. Għax fl-isptar, mill-ġbid li jafu joħolqu l-kotba tal-karta, inkella dawk elettroniċi, wieħed jillandja, ħelu ħelu, inkella bi crash landing, għar-realtà tal-ħajja, liema realtà hi ta' ħafna xorta!

U hemm hi r-realtà! Li ssejjaħ! U li taqbad issejjaħ u ma tiqafx! Bħall-pager li jkolli fuqi fl-isptar. Jew, biex inkun aktar eżatt, wieħed minn tnejn li nġorr fuqi meta nkun on call. Li joħodni ma nafx fejn, fl-ispazju ristrett, kostrett u dirett tal-isptar, tal-ktieb tal-ħajja! Tal-ktieb li fih hemm kapitli qosra ħafna. Bħalma ċertament hu dan il-kapitlu li ħa naqsmu minn qalbi magħkom illum. Liema kapitlu jnissilli d-dmugħ jien u narah, nisimgħu jinqara, u għal ħafna ħin inħallih ikellimni, b'ħarstu f'għajnejja, waħdu, kif inhu!

### IS-SODDA TAL-MARD: IS-SALIB L-ABJAD

Ġejt imsejjaħ f'sala partikolari, fejn persuna, li kienet qabdet it-triq għan-naħa l-oħra, kien hemm bżonn li ssirilha t-talba tad-Dilka tal-Morda. Inżilt, ngħaġġel kemm nista', biex nilħaq fil-ħin għaliex ftit minuti wara kont se nqaddes il-quddiesa. Kif il-membri tal-istaff rawni, waħda mill-infermieri dlonk qaltli: "Patri, tridx ngħidu l-familja ħa tiġi?" Għal din il-kelma ħassejt f'qalbi li kelli sempliċiment ngħidilha: "Iva! Għidilhom jiġu, jekk jogħġbok!"

Hemm kienet il-mara żagħżugħa. Fuq is-salib l-abjad. Is-salib artab imma kollu skald. L-iskald tal-mard. Jew tal-marda. Il-misħuta marda. Hemm kienet! Tiġġieled għal kull nifs li bdiet tieħu. Nifs wara nifs. U kull nifs sar importanti, uniku! Almenu jekk mhux għaliha, kien importanti li jittieħed għal dawk li kienu madwarha. Għax dak in-nifs kellu jagħti lama, abbli, ta' fejqan ukoll. Jew, jekk le, ta' aktar permanenza, lil dawk li ħabbewha, ibda mill-għażiż żewġha u spiċċa minn missierha.

O! Missierha! Kif qatt nista' ninsieh lil dan ir-raġel li min jaf kemm bata għaliha? Min jaf kemm, meta kienet għadha tarbija, refagħha fuq spallejh, imbagħad varaha ħa tagħti l-ewwel passi? Kien magħha fl-isbaħ żminijiet ta' ħajjitha! Issapportjaha meta kienet marida! Imma żgur li ma kinitx marida bħalma hi llum, hi u tieħu l-aħħar nifsijiet!

### IL-KURUNELLA TAL-ĦNIENA DIVINA

Ammirajtu. Meta daħal intasab direttament ħdejha, sewwasew fuq in-naħa l-oħra ta' fejn kont jien. U qbadna nitolbu. Ovvjament it-talba, jiġifieri l-kurunella tal-Ħniena Divina! Bil-mod ta' kif talabha ntbaħt mill-ewwel kemm kien midħla tagħha. Il-ħrara li biha kien qed jitlobha wrietni, f'ħakka t'għajn, kemm irrikorra lejn Ġesù, l-Imgħallem tagħna, f'mumenti tassew koroh ta' ħajtu. U rrikorra mhux waħdu, iżda msieħeb mill-ħabel u mill-isem. Il-ħabel

– f'kelma waħda, il-kuruna. Jew aħjar il-katina li torbot l-art mas-sema. Il-pont bejn dak li jgħaddi u dak li jibqa' għal dejjem. U l-**isem**. L-**isem** ta' Ġesù, il-ħellies tal-umanità! U anki l-ħellies ta' dik is-sitwazzjoni li konna fiha, f'dak il-waqt kiefer u talbiża', bħala familja.

Bdejna nitolbu. U nfexx jitlob magħna, *b'leħen għoli u bid-dmugħ, lil dak li seta' jsalvah mill-mewt* (Lhud 5:7). Stenna naqra! Imma mhux hu kien qed imut! Mhux bintu kienet qed tissielet għall-aħħar nifs ta' ħajjitha? Mela, jekk dan hu l-fatt, l-għaliex kellu jitlob b'daqshekk ħrara biex il-Mulej isalvah mill-mewt? Hu kien għadu f'saħħtu! Kien għadu jista' jikkumbatti! Anki jekk kien mikdud u mikul minn din is-sitwazzjoni li bdiet tnawwarlu qalbu ta' missier li hu.

## IL-ĠENITURI BI ĦRARA JITOLBU GĦAL ULIEDHOM

Biss, dan ir-raġel kien qed jagħmel l-esperjenza tant qawwija ta' ġenituri oħra li kellhom lil uliedhom fil-għawġ. Bħalissa jiġini f'moħħi l-episodju tal-Vanġelu tal-mara Kangħanija. X'qaltlu lil Ġesù? "Ħenn għaliha, Mulej, Bin David; binti għandha fiha xitan, u magħdura ħafna!" (Mt. 15:22). Rajtha? Smajtha? Ħassejt issa l-uġigħ tagħha ta' omm? Għax liema omm tieħu gost tara lil bint ġufha mkagħbra b'xi marda? Jew, agħar minn hekk, imħabbta mix-xitan? U ngħid jien, jekk din l-omm kienet hi li tat ħajjitha għal din il-bint, l-għaliex nisslitha, ġarritha f'ġufha, wilditha, rabbietha u baqgħet magħha, f'kelma waħda kienet hi li qasmet ħajjitha magħha għax tatha kollox, hekk li ħajjitha u ħajjet bintha saru nisġa waħda, kif issa tridha ma tgħidlux, lill-Mulej, "Ħenn għaliha"?

It-titlu li tatu din il-mara lil Ġesù jgħid kollox. Jew aħjar jgħid il-kollox li jista' tabilħaqq jingħad fuq Ġesù! Bin David! Bin Alla! Il-Messija mwiegħed! Għax ix-xitan kiddha lil din it-tifla. U aktar ma beda jkiddha, aktar l-omm bdiet tinkedd hi wkoll magħha. Għax kif jgħidu tant ġenituri: "Min iweġġa' lil uliedi jkun qed iweġġa' lili stess!" U l-għaliex ikunu mmexxija minn imħabba kbira għal uliedhom, dawn il-ġenituri jkunu lesti li jbatu kull tbatija huma basta jaraw lil uliedhom b'saħħithom, ferħana u lventi, ħa jgħixu u jgħixu bil-kotra!

## "ĦENN GĦALIHA U GĦAD-DINJA KOLLHA!"

Wara kull invokazzjoni li bdejna nitolbu fil-kurunella tal-Ħniena Divina dan il-missier beda jitlob minn qalbu, kważi jokrob ukoll: *Ħenn għaliha u għad-dinja kollha!* Ismagħha t-talba tiegħu! It-talba msieħba mid-dmugħ! It-talba mimlija wġigħ! It-talba li, minkejja l-kruha tal-mard, hi mimlija bit-tama! U mgħarrqa fit-tama! *Ħenn għaliha!* Iva, Mulej! Għaliha trid tħenn! Għax hi qiegħda fil-bżonn! Għax hi għandha bżonnok! Tal-għaġeb dan il-missier, li mar lil hinn mill-mara l-Kangħanija! Għax qed jinsa lilu nnifsu u jmur fuq bintu stess! Biex il-Mulej ikollu ħniena minnha. Għaliha nnifisha… għaliha li, f'dak il-ħin, mhux biss kienet qed tirrappreżenta lid-dinja, iżda f'ċertu sens kienet id-dinja kollha kemm hi! Mhux biss l-għaliex kienet parti mill-umanità, mir-razza tal-bnedmin, iżda d-dinja kollha kienet miġbura fiha.

Min jaf? Forsi bintu, għal dan il-missier b'qalbu minfuda, kienet l-istess dinja tiegħu? Jista' jkun. U ma niskantax li hu hekk! Alla jaħfrilha oħti, għal missieri, Alla jaħfirlu wkoll, id-dinja kienet għalih! U meta kienet qed tmut għalih kienet qed tmut ukoll id-dinja tiegħu kif kien jafha hu. U b'dak kollu li ħolom li oħti kellha tkun. Biss, lil hinn minn dan kollu, dan il-missier seħħlu, fil-punt tal-mewt ta' bintu, jerġa' jagħtiha lura lil Dak li ħalaqhielu!

U tahielu bħala rigal imgeżwer fil-ħniena! Dik il-ħniena li waħedha biss tgħinna ngħixu f'din l-art (Lhud 5:7) mimlija inkwiet u problemi. Dik il-ħniena li ġġagħlna *noffru talb u suppliki b'leħen għoli u bid-dmugħ* (Lhud 5:7) għal dawk li aħna nħobbu, u nħobbu minn qalbna! Bħalma offra dan il-missier għal bintu, li għaddiet għal għand il-Missier fl-istess età li Ġesù għadda għal għand Missieru, dik ta' 33 sena! ■

FR PAWL BUGEJA OFMCap



# "MIN MEJJET FIS-SAKRA U MIN MEJJET GĦAL QATRA!"

### TĦEJJIJA GĦALL-ESPERJENZA

L-esperjenza tiegħi fil-Filippini bdiet minn kmieni din is-sena, hekk kif bdejt bit-tħejjijiet b'għadd ta' attivitajiet żgħar sabiex kif inkun hemm inkun nista' nagħti ftit għajnuna lil min hu fil-bżonn.



Kienu għadd ta' persuni li għenu sabiex dan ikun possibbli. Anke voluntiera mill-Filippini, wara li bgħatt il-flus biex jixtru l-affarijiet tal-ikel li konna se nqassmu, ħejjew il-basktijiet bix-xirjiet tal-ikel minn qabel.
Kollox jasal, u hekk wasal il-jum li fih tlaqt lejn il-Filippini, li huma magħmula minn aktar minn 7,100 gżira!

### MANILA

Manila hi mogħnija bi ġmiel naturali, bini bi strutturi moderni u sbieħ, imma wkoll bl nħawl fejn tara u tmlss il-faqar ta' tant nies.

Kien il-Ħadd li mort flimkien mal-voluntiera sabiex inqassmu 200 xirja lin-nies li jgħixu fl-islums ta' Antipolo. Minkejja l-faqar li jgħixu fih, jekk huma neqsin minn kollox żgur li mhumiex neqsin mit-tbissima dejjem fuq fommhom u sens kbir ta' ospitalità.

Wara li spiċċat il-quddiesa kellimniehom u għednielhom li dak li se nqassmu ngħata minn għadd ta' benefatturi Maltin.

Hekk qassamna l-ikel kollu u ħallejna tant ferħ u radd il-ħajr lil tant familji.
Inkompli fl-aħħar dwar din l-esperjenza f'Antipolo.

### BATAAN

Din iż-żjara fil-Filippini ħaditni wkoll Bataan, fil-



parroċċa dedikata lil Santa Katerina, fejn hemm Patri Joe Cremona, patri tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, li hu l-kappillan tal-parroċċa. Dan il-patri laqagħna u għaddejna weekend għandu. Hu wkoll jgħin sabiex tfal u żgħażagħ jitgħallmu strument u hekk ifforma orkestra. Din l-orkestra tat-tfal kienet anke ġiet mistiedna Malta u pajjiżi oħra.

Hawn kelli l-okkażjoni li niċċelebra l-festa ta' Santa Katerina, fejn ikkonċelebrajt mas-saċerdoti Maltin l-oħra u mal-isqof tal-post. Festa ħelwa u sempliċi, festa tal-familja, fejn il-familji jistiednu lil qrabathom u jinġabru jieklu, jitkellmu u jkantaw il-ġurnata kollha. Wara l-quddiesa tal-festa, li kienet filgħodu, ġie ċċelebrat is-sagrament tal-magħmudija, fejn 50 persuna minn trabi sa adulti ġew mgħammda.
Kelli l-grazzja wkoll li niltaqa' ma' Suor Celina Cini mill-kongregazzjoni tal-Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù ta' Malta, li kont ilni ma naraha 30 sena! Is-sorijiet f'din il-parroċċa jmexxu skola kbira u għandhom id-dar tal-formazzjoni. Hawn f'Bataan sajjart ikel Malti għall-Maltin u nies lokali wkoll.

## ANTIPOLO

Erġajt mort ukoll lura lejn Antipolo, fejn il-Ħadd ikkonċelebrajt mas-saċerdot li jieħu ħsieb spiritwalment




dawn in-nies.

Sewwasew l-ewwel darba, meta konna qassamna l-basktijiet bl-ikel, niftakar sewwa kif dawk li kienu fil-kappella għall-quddiesa daru miegħi u talbuni jekk hux possibbli ngħinhom biex jirranġaw il kappella li fiha jiċċelebraw l-ewkaristija.

## NIRRESTAWRAW KAPPELLA FLIMKIEN

Din il-kappella hekk fqira hi magħmula minn żewġ pilastri tal-konkos li jżommu parti mis-saqaf tal-pjanċi msadda taż-żingu, imbagħad b'għadd ta' injam li jżomm il-bqija. Parti oħra tas-saqaf hi magħmula minn strixxi tal-ħadid u mgħottija b'biċċa kanvas li sfortunatament hi mċarrta u mtaqqba, u hekk meta taħsel tagħmel ix-xita waqt il-quddiesa n-nies jisfaw imxarrba. Il-ħitan tal-ġnub u l faċċata tal kappella ma jeżistux; hekk ukoll hi bla apertura jew bieb. L-art hi tal-konkos u l-artal magħmul minn zokk ta' siġra u l-wiċċ tal-konkos.

Huma talbuni hux possibbli li ngħinhom, għax huma fil-faqar tagħhom ma jistgħux





jagħmlu tajjeb għal dan. Il-kappella hija ddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni.

Jiena għedtilhom li nagħmel li nista', u għalhekk qed indur lejn il-ġenerożità tagħkom, għeżież qarrejja, sabiex min jixtieq u min jista' ngħinu lil dawn ħutna Nsara jkollhom post xieraq biex jitolbu u jiċċelebraw il-quddiesa, biex ikunu jistgħu jinbnew it-tliet faċċati tal-kappella, l-aperturi u dak li hu meħtieġ, b'mod sempliċi iżda ta' bżonn.

Min jixtieq joffri xi offerta jista' jikteb lili, Patri Pawl Bugeja OFMCap, il-kunvent tal-Kapuċċini, Triq F. X. Fenech, il-Furjana. In-numru tal-mobile hu 99966386.

F'isem dawn ħutna nroddilkom ħajr. Kull qatra tgħin! ■

## IS-SUR ROBBIE MAMO - ĦALLIENA BENEFATTUR U ĦABIB KBIR TAGĦNA



Fl-ewwel jiem tas-sena l-ġdida, proprju nhar il-Ħamis 9 ta' Jannar 2020, irċevejna l-aħbar tal-mewt tas-Sur Robbie Mamo mill-Furjana. It-tifkira ta' Robbie hija waħda li tfakkarna fil-parabbola tat-talenti – kif lil dak li tah ħamsa ħaddimhom biex għamilhom għaxra. Fost it-talenti li ħaddem Robbie kien hemm dawk tal-għerf u l-imħabba li huwa kellu lejn il-lingwa Maltija, b'mod illi huwa offra tant mill-ħin tiegħu biex jikkoreġi b'metikolożità u b'impenn diversi kitbiet li kienu ppreparati għall-istampa. Fost dawn ma nistax ma nsemmix is-snin li matulhom huwa kien jikkoreġi *Kliem il-Ħajja* u d-*Dawl Franġiskan*, żewġ pubblikazzjonijiet tal-Kapuċċini. Dan ix-xogħol huwa għamlu b'dedikazzjoni u mingħajr interessi ta' flus, imma bi mħabba lejn il-Knisja li huwa kien iħobb, speċjalment Knisja fqira li huwa għamel esperjenza tagħha meta mar diversi drabi l-Indja, post li kien tant għal qalbu. Nitolbu sabiex il-Mulej jilqgħu għandu bħala "qaddej tajjeb u fidil" filwaqt li nitolbuh jitlob għalina mis-sema. ■

JOSEPH C. CAMILLERI
BA; DEAM; M.ED. (PL. & MĠT)



# SAN ĠUŻEPP
# 150 SENA PATRUN TAL-KNISJA UNIVERSALI

## LEĠĠENDA TARXINIŻA

Fi Triq Lanzon f'Ħal Tarxien kien hemm tliet ħwienet tax-xogħol, tnejn jaħdmu l-aperturi u l-ieħor ir-roti tal-karettuni. Meta kont żgħir, fis-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor, kont nieħu pjaċir nara l-prodotti tagħhom esebiti fuq il-bankina. Dejjem kont tara xi rota ta' xi karettun lesta minn kollox biex tiġi mżejna b'disinji mimlija daqs bajda bl-ilwien. Min-naħa l-oħra, il-mastrudaxxa tal-aperturi, magħruf minn kulħadd bħala 'Patrijarka', kien devot ta' San Ġużepp. Oreste, li kien il-mastrudaxxa l-ieħor, ma kienx ikollu x-xogħlijiet tiegħu fuq il-bankina.

Jum wieħed waqaf quddiem il-bankina tal-ħanut tiegħu biex jammira xi bċejjeċ ta' gallerija. F'daqqa waħda l-mastrudaxxa ġle fuql u saqsieni jekk irridx xi darba mmur naħdem miegħu. Jien bdejt nidħaq.

Billi bdiet nieżla x-xita dħalt fil-bieb tal-ħanut. F'rokna kellu salt injam fuq xulxin. Kien hemm żewġ bankijiet twal bl-għodda u bċejjeċ tal-injam. Mal-ħajt kien hemm stampa tal-Lunzjata. Biswit l-istampa kien hemm kollezzjoni ta' ritratti tal-mejtin. Milli jidher ried jieqaf ftit mix-xogħol. Dar fuqi u qalli li San Ġużepp kien il-patrun tal-mastrudaxxi. Wara saqsieni jekk nafx xi storja fuq San Ġużepp.

Ftit wara beda jirrakkontali leġġenda li wara sirt naf li kienet leġġenda popolari fost it-Tarxiniżi – il-leġġenda ta' San Ġużepp. Din il-leġġenda sabet ruħha fi ktieb li kien ħareġ wieħed kittieb Tarxiniż – il-Kavallier Rafel Bonnici Calì. Bejn dak li kiteb il-Kavallier u dak li niftakar li qalli Patrijarka kien hemm xi differenzi. Din hija ħaġa normali, għaliex in-narraturi mhux dejjem jimxu biss fuq l-istorja. Kull narratur kien ikollu l-istil tiegħu kif jirrakkonta.[1]

### IL-LEĠĠENDA

San Ġużepp kien mastrudaxxa, il-mastrudaxxa ta' Nazaret. Hu kien jaħdem l-injam bil-lexxuna. Barra l-lexxuna kellu wkoll il-furmatur, l-iskalpell, il-martell u t-tnalja. Li kien jonqsu kien is-serrieq. Jista' jkun li hu qatt ma kien ra serrieq f'ħajtu.

Jum wieħed San Ġużepp fettillu jivvinta xafra wiesgħa biex jillixxa l-injam. Wara li qatta jum sħiħ 'jilgħab', ħoloq xafra. Waqt li kien qed jaħdem fuq din ix-xafra, ix-xitan beda jdur 'l hawn u 'l hemm. Ix-xitan ma ħamlux jaħdem fil-kwiet. Ried jirrabja lil San Ġużepp. Filgħaxija, meta San Ġużepp għalaq il-bieb tal-ħanut, daħal ix-xitan. Sab ix-xafra u beda jsammar fuqha bil-martell b'kemm kellu saħħa. Sammar u sammar u sa fl-aħħar ix-xafra xxellfet kollha. Ix-xitan ħa x-xafra f'idu u beda

REFERENZI

1. Bonnici Calì R., *Kitbiet imżewqa, twemmin, storja, arti u folklor*, Pubblikazzjoni Leħen is-Sewwa, vol. 1, Malta 1987, pp. 85-88



*San Ġużepp – il-vara fil-knisja arċipretali ta' Ħal Tarxien*

jidħaq kemm jiflaħ. Ix-xitan kellu seba' mitt sena biex jara lil San Ġużepp jirrabja.

## L-GĦADA

Meta sebaħ San Ġużepp daħal fil-ħanut biex ikompli x-xogħol fuq ix-xafra. Ħa x-xafra f'idu u beda jippruvaha. Ix-xitan ma felaħx aktar, dar fuq San Ġużepp u qallu mingħajr tlaqliq: "Issa oqgħod sinnha! Ħaħaħa!" San Ġużepp ħa x-xafra f'idejh u bil-kalma kollha dar fuq ix-xitan u qallu: "Issa x-xafra ġiet aħjar milli kienet. Għandi bżonn inkompli nkissrilha x-xafra u nagħmlilha s-snien." Meta sema' dan il-kliem ix-xitan irrabja fuq li rrabja.

Ix-xitan ħareġ mill-ħanut. Ħalqu kien mimli ragħwa. Beda jdur fit-toroq ta' Nazaret. Sab wieħed bidwi jaħdem bil-moħriet. Billi kien jum tax-xema', il-bidwi kien mimli għaraq. Kien għeja. Mar fuqu u beda jmisslu l-moħriet. Il-bidwi beda jirrabja. Miskin il-bidwi!

## IL-ĦBIBERIJA MA' PATRIJARKA

Jien u Patrijarka bqajna ħbieb. Kull meta ommi kienet trid xi ħaġa mingħand iz-zija Marì, oħtha, kienet iddur fuqi. Biex immur għand iz-zija kelli ngħaddi minn quddiem il-ħanut ta' Patrijarka.

Ġieli l-bankina kienet tkun mimlija daqs bajda bl-affarijiet tal-galleriji u twieqi, u ġieli kellha l-antiporta tal-ħanut magħluqa. Biż-żmien tgħallimt xi ħaġa fuq il-ħajja tal-mastrudaxxa. Daqqa tieqa, daqqa bieb, daqqa antiporta, Patrijarka kien dejjem sejjer. Meta kien jarani kien isellimli u jien bdejt nagħmel bħalu.

L-istorja ta' San Ġużepp kont smajtha minn fomm diversi xjuħ tar-raħal, min inaqqas xi biċċa mill-istorja u min iżid xi ħaġa fuq San Ġużepp.

Hekk konna ngħixu. Nies sempliċi, naqilgħu l-ħobża ta' kuljum, bħalma kien jagħmel il-mastrudaxxa ta' Nazaret. ■

FR MARTIN MAMO OFMCap



# SAN FRANĠISK T'ASSISI QADDIS MUDELL GĦAD-DINJA TAL-LUM (IT-TIENI PARTI)

## IL-PAPA INNOĊENZ III JBIEREK LIL FRANĠISKU U L-ORDNI TIEGĦU



Għalkemm ma tkellimx bil-kelmiet diffiċli tal-għorrief, ma kinux ulied il-poplu biss dawk li ssaħħru minn kliemu. L-għani Bennard ta' Quintavalle u l-ġurista Pietru Cattani fis-16 ta' April 1208 wrewh li xtaqu li flimkien miegħu jaqsmu l-istess ħajja tiegħu. Imma mal-għonja u l-għorrief malajr tħalltu l-foqra u s-sempliċi. Ġimgħa biss wara ra l-ewwel tnejn, propju fit-23 t'April.

Żagħżugħ fqajjar jismu Eġidju talbu biex jingħaqad miegħu. Dan Eġidju kien bniedem sempliċi u ġust u jibża' minn Alla, li għex ħajja twila u ħallielna eżempji fil-qdusija, fil-ġustizzja u fil-pjetà, fl-ubbidjenza perfetta, fil-ħidma tal-id, fil-ħajja ta' ġabra u fil-kontemplazzjoni qaddisa (Cel. I, 224). Tul dik is-sena 1208 kien hemm tmienja oħra li għażlu dik l-għamla ta' ħajja. Franġisku, li ried jgħix dejjem f'ubbidjenza lejn il-Knisja, fis-sena 1209 ħadhom miegħu Ruma quddiem il-Papa Innoċenz III. Il-Papa sabha diffiċli biex jagħtihom l-approvazzjoni tiegħu, imma l-Mulej nebbħu li kien sejjer jinqeda b'dak il-bniedem Franġisku sabiex il-Knisja ma tiġġarrafx.

L-Istatwa li tqiegħdet quddiem il-Lateran, il-katidral ta' Ruma fejn jidher San Franġisk b'idejh merfugħin bħallikieku qiegħed iżomm fuq riġlejh il-bini tal-knisja, hi tifkira

ta' dik il-ħolma tal-Papa Innoċenz III li kien approva dik il-ħajja komunitarja u ta' appostolat li kienu qed jagħmlu fost il-poplu.

Żera' ma' kullimkien il-kelmiet tal-Evanġelju, u mhux dejjem kellu bżonn jitkellem biex iwassal il-Kelma t'Alla. L-eżempju tal-ħajja tiegħu u anki s-sempliċi mixi fit-triq kienu ta' edifikazzjoni għal kulħadd. Il-qaddis Franġisk ried iwassal lil Kristu. Għalhekk hu tkellem dejjem bil-kuraġġ biex ixandar il-verità. Anki l-għorrief u l-kbar tad-dinja kienu jisimgħuh, u l-kelmiet imqanqla tiegħu ġieli ġiebu fihom sens ta' biża' li ma setax ma jiswilhomx ta' ġid. Minkejja dan, il-bniedem li ssejjaħ 'dawl mibgħut mis-sema', 'il-mibgħut minn Alla', jew 'Kristu ieħor', emmen li ma kienx jistħoqqlu li jkun saċerdot. Għalhekk hu għażel li jibqa' jservi lil Alla bil-ministeru ta' djaknu.

Il-qasam ewlieni tal-ħidma appostolika ta' San Franġisk kien l-Italja, għaliex f'din l-art hu ħadem bla waqfien mis-sena 1208 'l quddiem. Imma dak li tant kellu jifraħ għall-fatt li xi whud minn uliedu fl-Ordni tal-Minuri mietu f'art tal-missjoni għal Kristu, ma setax ma jkunx hu nnifsu mħeġġeġ bl-istess entużjażmu. Il-ħeġġa missjunarja u x-xewqa tal-martirju ngħaqdu flimkien f'San Franġisk. Imma l-ewwel darbtejn li pprova jmur lejn is-Sirja u l-Marokk, Alla wrieh li dik ma kinitx ir-rieda tiegħu għalih. Darba minnhom tempesta u darb'oħra l-mard reġġgħuh lura lejn art twelidu.

## SANTA KLARA

Fis-sena 1212 San Franġisk waqqaf it-tieni ordni tiegħu, li kien dak tas-sorijiet. Fil-bidu ssejħu "d-Dami Fqajrin ta' San Damjan". Għalkemm San Franġisk kien ir-ruħ ta' din l-istituzzjoni, huma sabu mexxejja kbira f'dik l-ewwel mara li qabel kulħadd għażlet li timxi wara Kristu bil-għajnuna ta' San Franġisk. Din il-mara qaddisa kienet Klara t'Assisi ommna, li minnha s-sorijiet issejħu 'Klarissi'.

Ftit wara t-tluq tal-ewwel missjunarji tiegħu, San Franġisk innifsu, fl-24 ta' Lulju 1219, salpa lejn l-Eġittu. Is-Sultan Malik el-Kamil laqgħu tajjeb u sema' l-kelma tiegħu. Is-Sultan inġibed lejn dak il-bniedem għax kien konvint li riedlu l-ġid, imma ma ħalliex It-twemmin Musulman tiegħu. San Franġisk ma ngħatax il-martirju għal Kristu bid-demm imma bit-tbatija tal-mard li ħakmu.

## IL-BNIEDEM TAT-TBATIJA

Skont Fra Tumas minn Celano, Franġisku kien ibati bit-tuberkulożi pulmonari, bil-fwied, bil-milsa, bl-istonku, bil-malarja u bil-paraliżi temporali fil-kordi vokali. Meta ħa sehem fil-Ħames Kruċjata fl-Eġittu fl-1219, huwa ħa infjammazzjoni f'għajnejh, l-*aphtalmia*, kellu l-ilma f'saqajh u fuq kollox kellu l-ħames pjagi ta' Sidna Ġesù Kristu. Personaġġ li jeżalta, jgħolli l-moral, figura trijonfali quddiem it-tbatija. Huwa mudell ta' mħabba quddiem il-mibegħda, ta' fedeltà quddiem l-iżlealtà, sagrifiċċju quddiem l-egoiżmu u kuraġġ quddiem id-dgħufija. Huwa xempju li jħobb u ma jittradix, li terfa' salibek u timxi wara Kristu; ċaħda kbira tiegħu nnifsu għall-imħabba t'Alla, b'sottomissjoni kbira lejn il-Knisja. "Ħuna Franġisk wiegħed ubbidjenza u qima lejn il-Papa Onorju u lil dawk li jiġu warajh" (*Reg.*, kap. 1). Għalih kien impossibbli li tkun leali lejn l-Evanġelju bla ma tkun ubbidjenti lejn il-Knisja, għax il-Knisja hija l-unika għalliema tal-Evanġelju b'awtorità. L-isem li għażel għal uliedu ħadu mill-Evangelju: "Dak li tkunu għamiltu ma' wieħed **mill-iżgħar** fost dawn ħuti, tkunu għamiltuh miegħi." Għalhekk aħna nissejħu **'aħwa minuri'** jew **'aħwa żgħar'**. Fit-*Testment* kiteb: "l-aktar għoli nnifsu nebbaħni li kelli ngħix skont l-Evanġelju mqaddes". ■



## TIFKIRA TAD-DEHRIET 2020

**L-EWWEL DEHRA. IT-TLIETA 11 TA' FRAR**
Fr Effie Mallia OFMCap, Provinċjal

**IT-TIENI DEHRA. IL-ĠIMGĦA 14 TA' FRAR**
Fr Ivan Scicluna O.Carm

**IT-TIELET DEHRA. IT-TLIETA 18 TA' FRAR**
Fr Alex Scerri O.Carm

**IR-RABA' DEHRA. L-ERBGĦA 19 TA' FRAR**
Fr Emmanuel Abela OFMCap

**IL-ĦAMES DEHRA. IL-ĦAMIS 20 TA' FRAR**
Fr Elmar Pace OFMCap

**IS-SITT DEHRA. IL-ĠIMGĦA 21 TA' FRAR**
Fr Jethro Bajada OFMCap

**IS-SEBA' DEHRA. IL-ĦADD 23 TA' FRAR**
Fr Timon Mercieca

**IT-TMIEN DEHRA. IT-TNEJN 24 TA' FRAR**
Fr Dominic Sultana

**ID-DISA' DEHRA. IT-TLIETA 25 TA' FRAR**
Fr Joe Buttigieg OFMCap

**IL-GĦAXAR DEHRA. IL-ĦAMIS 27 TA' FRAR**
Fr Karm Dimech OFMCap

**IL-ĦDAX-IL DEHRA. IL-ĠIMGĦA 28 TA' FRAR**
Fr Frans Abdilla

**IT-TNAX-IL DEHRA. IL-ĦADD 1 TA' MARZU**
Fr William Bartolo OFMConv

**IT-TLETTAX-IL DEHRA. IT-TNEJN 2 TA' MARZU**
Fr Clive Camilleri OFM

**L-ERBATAX-IL DEHRA. IL-TLIETA 3 TA' MARZU**
Fr Joe Libreri OFMCap

**IL-ĦMISTAX-IL DEHRA. L-ERBGĦA 4 TA' MARZU**
Fr Claudio Borg OP

**IS-SITTAX-IL DEHRA. L-ERBGĦA 25 TA' MARZU**
Kan. Fr Antione Borg

**IS-SBATAX-IL DEHRA. IT-TLIETA 7 TA' APRIL**
Ma ssirx. Il-Ġimgħa Mqaddsa

**IT-TMINTAX-IL DEHRA. L-ERBGĦA 16 TA' LULJU**
Fr Charles Cini, Arċipriet tal-Furjana

**MATUL IL-JIEM TAD-DEHRIET**

Mit-Tnejn sas-Sibt.

| | |
|---|---|
| 9.30am | Rużarju u Kurunella |
| 10.00am | Quddiesa |
| 5.30pm | Adorazzjoni |
| 6.00pm | Rużarju u Kurunella |
| 6.30pm | Quddiesa |

**IL-ĦADD**

| | |
|---|---|
| 10.30am | Rużarju u Kurunella |
| 11.00am | Quddiesa |
| 5.30pm | Adorazzjoni |
| 6.00pm | Rużarju u Kurunella |
| 6.30pm | Quddiesa |

**KIF BDIET ID-DEVOZZJONI TAT-TLIET AVE MARIJIET**

Fost id-devozzjonijiet lejn il-Madonna hemm waħda speċjali: dik tat-Tliet Ave Marijiet kuljum. Imma minn fejn bdiet din id-devozzjoni?

Il-bidu tagħha kien fis-seklu 13 u hija marbuta ma' Santa Matilda ta' Hackeborn, soru Benedittina, li lilha l-Madonna wriet kif trodd ħajr lit-Trinità qaddisa għall-privileġġi mogħtija lilha.

Santa Matilda twieldet fl-1241 ġewwa familja nobbli. Jum wieħed, meta kienet qiegħda timmedita fuq il-mewt, talbet b'ħerqa lil Omm Alla tgħinha fl-aħħar mumenti ta' ħajjitha.

Hija semgħet lill-Madonna tgħidilha:

*"Iva, hekk nagħmel, imma rridek titlob tliet Ave Marijiet kuljum. Bl-ewwel waħda inti titlob li hekk kif Alla l-Missier għollieni fuq it-tron tal-glorja, bħalma qatt lil ħadd, u għamilni l-ħlejqa qawwija fis-sema u fl-art, jien inkun nista' ngħinek u nsaħħek fuq l-art u nħarsek minn kull qawwa tal-għadu. Bit-tieni Ave Marija inti titlob biex hekk kif l-Iben t'Alla mlieni bl-għerf, tant li għandi tagħrif tat-Trinità qaddisa iktar mill-qaddisin kollha, inkun nista' ngħinek fl-aħħar mumenti ta' ħajtek, nimlielek lil ruħek bid-dawl tal-fidi u tal-għerf veru, biex id-dellijiet tal-iżball u tal-injoranza ma jdallmukx. Bit-tielet waħda inti titlob biex bħalma l-Ispirtu s-Santu mlieni bil-ħlewwa ta' mħabbtu, u għamilni hekk maħbuba, hekk li wara Alla jiena l-aktar ħelwa u ta' ħniena, jien ngħinek fl-aħħar siegħa ta' ħajtek billi nimlielek ruħek b'tant ġentilezza tal-imħabba divina li kull niket u kull morr fil-waqt ta' mewtek jinbidel fi ħlewwa."*

Din mhix l-unika rivelazzjoni lil din il-qaddisa tad-devozzjoni lejn it-tliet Ave Marijiet. Reliġjuża oħra li għexet fl-istess żmien ta' Matilda, Santa Gertrude, magħrufa bħala 'l-kbira', kellha dehra sabiħa u rivelazzjoni oħra. Ġara hekk: Waqt l-Għasar tal-festa tat-Tħabbira tal-Mulej, fil-ħin tal-kant tal-Ave Marija, Santa Gertrude, f'daqqa waħda, rat tliet għejun ta' ilma ħerġin mill-qlub tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, li mbagħad nifdu l-Qalb tal-Verġni mbierka.

F'dak il-waqt hija semgħet leħen jgħid: "Wara l-qawwa tal-Missier, l-għerf tal-Iben u l-ħniena tenera tal-Ispirtu s-Santu, xejn ma jħabbatha mal-qawwa, l-għerf u l-ħniena tenera ta' Marija."

Il-Verġni Marija wiegħdet lil Santa Matilda li kull min jitlob tliet Ave Marijiet kuljum ikollu l-għajnuna tagħha f'ħajtu u għajnuna speċjali fil-punt tal-mewt; il-Verġni Marija tidhrilhom b'dija u sbuħija, u li dehra waħidha timliehom bil-faraġ u l-hena tal-ġenna.

Ma' dawn iż-żewġ qaddisin hemm qaddisin oħra li ġabu 'l quddiem din id-devozzjoni, bħalma kien San Alfons Marija de Liguori, li ta' spiss kien jirrakkomandaha, jew San Ġwann Bosco, li kien jissuġġeriha liż-żgħażagħ. San Piju ta' Pietrelcina kien ukoll qal li ħafna jikkonvertu bil-prattika ta' din id-devozzjoni.

**KIF TITLOB IT-TLIET AVE MARIJIET:**
Marija, Omm tiegħi, ħarisni milli naqa' fid-dnub il-mejjet bil-qawwa li tak il-Missier Etern.
Ave Marija

Marija, Omm tiegħi, ħarisni milli naqa' fid-dnub il-mejjet bl-għerf li tak l-Iben.
Ave Marija

Marija, Omm tiegħi, ħarisni milli naqa' fid-dnub il-mejjet għall-imħabba li tak l-Ispirtu s-Santu.
Ave Marija

Tagħlaq bil-Glorja... u b'din it-talba qasira:
Marija, bit-tnissil bla tebgħa tiegħek saffi lil ġismi u qaddisli lil ruħi.
*(Din it-talba għandha indulġenza mill-Papa San Piju X.)* ■



FR PHILIP CUTAJAR OFMCap



# PATRI MARCELLINO VELLA IL-BNIEDEM LI TA QALBU, MOĦĦU U JDEJH F'ĦIDMA BLA WAQFIEN FAVUR IL-FQAR



*Ħuna Patri Marcellino Vella, Franġiskan Kapuċċin*

It-Tnejn, 21 ta' Ottubru 2019 oħtna l-mewt reġgħet żaret il-fraternità provinċjali tagħna l-Franġiskani Kapuċċini permezz tal-mewt ta' Ħuna Marcellino Vella. Dan Ħuna għadda għall-ħajja ta' dejjem fl-Isptar Mater Dei wara ftit jiem ta' kura medika, fl-età ta' 86 sena. Il-funeral tiegħu sar l-Erbgħa 23 ta' Ottubru fil-knisja ta' San Ġużepp Ħaddiem fix-Xemxija, il-post fejn dan Ħuna għadda l-aħħar 33 sena minn ħajtu. Il-quddiesa tal-funeral tmexxiet mill-Vigarju Provinċjali tagħna, Ħuna Patri Hayden Williams, fl-assenza tal-Ministru Provinċjali minħabba li kien jinsab barra minn Malta għal-laqgħat tal-provinċjali tal-pajjiżi Ewropej.

### HJIEL MINN ĦAJTU

Ħuna Marcellino twieled fil-parroċċa tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa nhar l-4 t'Awwissu tas-sena 1933. Il-ġenituri tiegħu huma Joseph u Pauline xebba Xuereb. Huwa



Patri Marcellino Vella flimkien mal-ġenituri u l-10 ħutu



Patri Marċell ibierek iċ-ċrieket tal-engagement ta' neputih Jude Muscat u l-għarusa tiegħu f'Awwissu tas-sena 1977

ngħata l-isem ta' Francis. Huwa r-raba' wild fost għaxar aħwa. Ħutu l-oħra huma Emily, Johnny (mejjet), Annie, Freddie (mejjet), Mary (mejta), Joe, Doris, Violet (mejta), Antoinette (mejta) u Carmen.

Għalkemm twieled il-Marsa, tfulitu u żgħożitu għexhom il-Ħamrun. Meta kien għadu żagħżugħ kien ħadem fix-xogħol tal-faċċata u tal-koppla tal-knisja ta' San Gejtanu fil-Ħamrun. Fi żmien il-gwerra, bejn is-snin 1940 u 1945, flimkien mal-familja, għex fir-raħal ta' Għajnsielem f'Għawdex. Wara li ħass is-sejħa li jingħata b'ġenerożità fl-għalqa tal-Mulej billi jħaddan il-kariżma Franġiskana, għażel li jidħol mal-Kapuċċini.

Huwa ta bidu għas-sena tan-novizzjat nhar il-festa ta' Marija Immakulata, tat-8 ta' Diċembru tas-sena 1956. Sena wara għamel l-ewwel professjoni reliġjuża tiegħu, jiġifieri nhar il-15 ta' Diċembru tas-sena 1957. Baqa' miexi 'l quddiem fil-mixja tiegħu lejn il-konsagrazzjoni fil-ħajja reliġjuża sakemm nhar is-6 ta' Jannar tas-sena 1961, festa tal-Epifanija, intrabat bil-professjoni perpetwa bħala membru sħiħ fl-Ordni tal-Franġiskani Kapuċċini. Fit-tħejjija tiegħu għas-saċerdozju, sentejn wara, jiġifieri nhar id-9 ta' Marzu tas-sena 1963, irċieva l-ordinazzjoni presbiterali flimkien mal-Aħwa Kapuċċini Patri Valent Calleja, Patri Mawrizju Cassar, Patri Silvestru Bonavia, Patri Paċifiku Gusman, u Patri Lwiġi Saliba. Dawn iċċelebraw għeluq il-50 sena bħala presbiteri fis-sena 2013 fil-knisja parroċċa tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa.

### MISSJUNARJU FL-INDJA

Ħuna Patri Marċellinu, proprju sentejn wara li rċieva l-ordni tal-presbiterat, talab sabiex tiġi milqugħa mis-superjuri tiegħu x-xewqa qaddisa li kienet ilha tberren f'moħħu u tħeġġeġ f'qalbu, jiġifieri dik li jkun missjunarju. Dak iż-żmien il-provinċja tagħna l-Kapuċċini kellha fdata fir-responsabiltà tagħha l-missjoni ta' Jhansi fil-Kenja, bl-Isqof Malti Mons. Franġisku Saverju Fenech bħala l-ewwel isqof tad-djoċesi ta' Jhansi u Ħuna Patri Raniero Zammit bħala s-superjur regolari tal-missjunarji Kapuċċini Maltin. Dak iż-żmien il-missjunarji Maltin minbarra fid-djoċesi ta' Jhansi kienu wkoll preżenti fl-arċidjoċesi ta' Bhopal.



Patri Marcellino Vella flimkien mal-Arċisqof Mons. Eugene D'Souza u missjunarji Kapuċċini maltin oħra

It-talba ta' Ħuna Patri Marċell intlaqgħet. Huwa ta bidu għall-ħajja missjunarja proprju nhar l-24 ta' Diċembru tas-sena 1965. Ġie assenjat sabiex jaħdem fl-arċidjoċesi ta' Bhopal. Huwa dam hemmhekk 18-il sena. Dawn għalih kienu snin ta' ħidma bla waqfien u mifruxa f'diversi oqsma ta' pastorali u ma' diversi kategoriji ta' nies. Nistgħu ngħidu li lil Patri Marċellinu l-ħidma missjunarja fl-Indja tatu l-opportunità sabiex mhux biss jeżerċita l-ministeru saċerdotali tiegħu billi jiċċelebra s-sagramenti u jgħallem il-katekiżmu, imma wkoll tatu l-opportunità sabiex iħaddem it-talenti naturali li huwa kellu. Dan Ħuna kien mogħni b'diversi doni li kull missjunarju jkun jixtieq li jkollu, għaliex bihom ikun jista' jagħmel ħafna xogħol fuq livell soċjali u ta' promozzjoni umana. Patri Marċell kien bniedem li b'kapaċità kbira kien jaħdem diversi snajja', bħalma huma



Patri Marċellinu Vella biswit id-dar tiegħu f'Bhopal, l-Indja. Miegħu hemm P. Franġisku Azzopardi dak iż-żmien Ministru Provinċjali P. Raniero Zammit, dak iż-żmien Superjur Regolari

dawk tal-bini, tal-elettriku, plumbing u mhux inqas il-biedja. Missjunarju bieżel bħalma kien Ħuna Patri Marċellinu, bieżel tant li l-qatla tiegħu kienet tkun meta ma jkollux x'jagħmel, ħa diversi inizjattivi bil-għan li jħarreġ speċjalment liż-żgħażagħ Indjani f'xi sengħa partikolari li tkun tista' tagħtihom dinjità u tgħinhom isibu xogħol meta jikbru.

## SKOLA TEKNIKA U FARM GĦALL-ANNIMALI

B'inizjattiva tiegħu fetaħ skola teknika għaż-żgħażagħ, li fiha kienu jiġu mgħallma diversi snajja', speċjalment dik tal-biedja. Iż-żgħażagħ li ħarġu minn din l-iskola teknika kien ikollhom post tax-xogħol garantit minħabba l-kwalifiki li kienu jakkwistaw, kwalifiki li żgħażagħ oħra ma kienx ikollhom. Dawk li jħaddmu lin-nies f'diversi oqsma ta' xogħol kienu jmorru jfittxu l-ħaddiema tagħhom fl-iskola teknika tal-missjunarju Kapuċċin, għax hemmhekk kienu jsibu ħaddiema mħarrġin tajjeb.

Ħuna Patri Marcellino kien l-Indja fi żmien meta f'Jhansi kien hemm bħala isqof il-Malti Mons. Franġisku Saverju Fenech, Kapuċċin, filwaqt li fl-arċidjoċesi ta' Bhopal kien hemm l-Arċisqof Eugene D'Souza. Ħuna Patri Raniero Zammit kien superjur regolari tal-Aħwa Kapuċċini missjunarji Maltin. Miegħu wkoll bħala missjunarji kien hemm Ħutna Patri George Bezzina, Patri Frank Delia, li kien mar



P. Marċell flimkien ma' sħabu jiċċelebra 50 sena presbiteru



*Radd ta' ħajr lil Alla għal 50 sena presbiteru*

l-Indja mill-Awstralja, u Patri Mawrizju Cassar. Għall-bidu dawn il-missjunarji kienu marru Ranchi bil-għan li jistudjaw il-lingwa. Dan kien pass ferm meħtieġ. Il-pass li b'impenn qabel ma tidħol għax-xogħol missjunarju trid twettaq huwa li tfittex li titgħallem il-lingwa tan-nies li se taħdem magħhom. Li missjunarju jippretendi li jaħdem man-nies mingħajr ma jkun jaf il-lingwa tagħhom huwa bħal kaċċatur li joħroġ għall-kaċċa mingħajr arma u skratac. Fuq kollox, li tmur taħdem man-nies li ma tkunx taf il-lingwa tagħhom huwa nuqqas ta' rispett lejhom.

Wara ż-żmien ta' studju tal-lingwa, Ħuna Patri Marċell flimkien mal-missjunarji sħabu li telgħu miegħu l-Indja mar għal ftit xhur fil-parroċċa ta' Pachmarhi, fl-arċidjoċesi ta' Bhopal. Wara huwa mar Itarsi flimkien ma' Patri George Bezzina. Aktar tard, għas-sena 1968, lil Patri Marċell sejħulu sabiex ikompli jwettaq il-ħidma missjunarja tiegħu 'l barra minn Bhopal f'rehabilitation centre.

## IWAQQAF FARM TAL-ANNIMALI

Flimkien ma' din il-ħidma kien hawnhekk li ngħata b'ruħu u ġismu, kif ngħidu bil-Malti, għall-għan li jwaqqaf farm tal-annimali, li fih kellu ħafna nies jaħdmu fi proġett imsejjaħ **Food for Work**.

Minbarra l-proġett tal-farm, bil-għan li jgħallem is-sengħa tal-kura tal-annimali, kemm għall-qligħ tal-flus kif ukoll biex jipprovdi l-ikel, kellu wkoll proġett ieħor li bih, bl-istess flus li beda jdaħħal mill-ewwel proġett, fuq art mogħtija lilu mill-gvern, bena kolonja ta' djar għan-nies foqra. Dan kollu rnexxielu jwettqu b'koperazzjoni mill-gvern lokali. Meta l-awtoritajiet ċivili raw id-dedikazzjoni ta' dan il-missjunarju Malti, li l-ħidma tiegħu kienet qed tagħti ħafna frott bl-għajnuna għall-fqar u fil-ħolqien tax-xogħol, fittxew li jgħinuh bl-aħjar mod possibbli, speċjalment billi jagħtuh l-art.

## DR JOE BRINCAT FL-INDJA

Fi żjara li l-Avukat Dr Joe Brincat mill-Marsa kien għamel fl-Indja, bħala deputat tal-gvern ta' dak iż-żmien, kien ħa l-opportunità li jmur jiltaqa' mal-missjunarji Kapuċċini Maltin, kemm f'Bhopal kif ukoll f'Jhansi. L-Avukat Dr Joe Brincat kien u għadu jħobb ħafna lill-Kapuċċini, anke għall-fatt li huwa mill-Marsa. Meta ra b'għajnejh il-ħidma fejjieda li l-Aħwa Kapuċċini Maltin qed jagħmlu fl-Indja, akkost l-ambjent ta' sħana tremenda u qalb il-miżerja ta' ħafna nies li qed imutu bil-ġuħ u l-mard, baqa' mistagħġeb. L-Avukat Brincat, meta ra x-xogħol mimli għaqal u b'viżjoni li tħares lejn futur aħjar tan-nies fqar li Ħuna Patri Marċell kien qed iwettaq, stagħġeb u ammira lil dan Ħuna filwaqt li sejjaħlu "the barefoot Capuchin". Dan huwa kumpliment sabiħ u ta' unur, għax jiddeskrivi lil Patri Marċell Vella bħala l-Kapuċċin missjunarju li għex il-faqar mal-fqar, saħansitra anke mingħajr għata f'riġlejh, għaliex biex tħobb u tgħin lill-fqar trid bħalhom u magħhom tagħmel l-istess esperjenza tagħhom.

## MISSJUNARJU FIL-KENJA

Ħuna Patri Marċellino Vella, wara l-esperjenza ta' 18-il sena fl-Indja, irritorna Malta. Irritorna Malta minn Bhopal fl-Indja fis-sena 1980. Dam Malta 6 snin, fejn kien jifforma parti mill-fraternità ta' San Ġużepp Ħaddiem tax-Xemxija. Hemmhekk bejn is-snin 1980 u 1983 kien vigarju tal-fraternità. Fis-sena 1983 inħatar gwardjan tal-istess fraternità, fejn dam sas-sena 1986. Kien f'din is-sena li talab sabiex għal darb'oħra jerġa' jħaddan is-sejħa missjunarja, billi din id-darba jmur il-Kenja, fejn issa diġà kien hemm il-Kapuċċini Maltin sa mis-sena 1974. Huwa dam bħala missjunarju fil-Kenja tliet snin. Telaq lejn il-Kenja nhar it-13 ta' Lulju tas-sena 1986 u rritorna definittivament Malta fis-sena 1989.



P. Maċcell f'Garissa flimkien mal-Kardinal Otunga u P. Pelaġju Bilocca

Fit-tliet snin li għadda fil-kustodja tal-Kenja Ħuna Patri Marcell hadem kemm f'Garissa kif ukoll fi Mpeketoni. F'Garissa, frott l-esperjenza li diġà kien akkwista fl-Indja, ġie assenjat sabiex jagħti s-sehem tiegħu mat-tfal u l-adolexxenti fil-*Boys' Town,* li dak iż-żmien il-Kapuċċini Maltin kienu qed imexxu. Hawnhekk bi mħabba kbira lejn it-tfal u l-adolexxenti, bil-għan li jagħtihom futur, eżerċita ħafna mix-xogħol tiegħu bl istess mod kif kien diġà għamel fl-Indja.



P. Marċell flimkien mal-Kardinal Otunga u P. Silvestru Bonavia f'Garissa

Minn Garissa għadda għal Mpeketoni, fejn kien hemm bżonn il-ħidma mimlija talenti tiegħu. Huwa ħadem kemm fil-parroċċa ta' Mpeketoni kif ukoll maż-żgħażagħ postulanti li kienu qed jgħixu f'Umoja bi preparazzjoni biex 'il quddiem iħaddnu l-ħajja kkonsagrata bħala Kapuċċini. Bil-ħidma tiegħu Ħuna Patri Marċell kien ta' għajnuna kbira fil-formazzjoni ta' dawn iż-żgħażagħ, l-ewwel u qabel kollox bl-eżempji tajba li kien jagħtihom u mhux inqas bix-xogħol li kien jinvolvihom fih bil-għan li jitgħallmu jwettqu diversi ħidmiet, anke manwali.

## MILL-KENJA MILL-ĠDID GĦAX-XEMXIJA

Fis-sena 1989 Ħuna Patri Marċell temm il-ħidma ta' 21 sena bħala missjunarju. Irritorna Malta b'mod definittiv. Is-superjuri bagħtuh jagħmel parti mill-



P. Marcellino bid-daħka naturali li dejjem kien iżomm



P. Marċellinu flimkien mal-Kardinal Maurice Otunga fil-Kenja

fraternità ta' San Ġużepp Ħaddiem fix-Xemxija, limiti ta' San Pawl il-Baħar.

## MISSJUNARJU F'MALTA

Kif qal tajjeb ferm Ħuna Patri Hayden Williams, li bħala vigarju provinċjali fl-assenza tal-Ministru Provinċjal mexxa l-funeral ta' dan Ħuna, waqt l-omelija tiegħu, *"il-veru missjunarju jibqa' missjunarju ħajtu kollha"*. Dan jgħodd ħafna għal Patri Marċell. Fis-snin li għadda f'Malta, dejjem fil-fraternità tax-Xemxija, jiġifieri mis-sena 1989 sakemm miet, b'kollox 30 sena sħaħ, ma waqafx jagħti s-sehem tiegħu, kemm fl-istess fraternità fejn kien jgħix kif ukoll bid-diversi ħidmiet pastorali li wettaq, mhux biss fil-knisja ta' San Ġużepp Ħaddiem imma anke fil-parroċċi qrib, speċjalment dawk tal-Mellieħa, San Pawl il-Baħar, il-Manikata u mhux inqas fil-knisja tal-Madonna tal-Abbandunati fil-Wardija u l-kappella ta' Selmun. Minbarra f'dawn il-parroċċi ġirien għall-kunvent tax-Xemxija Ħuna Patri Marċellinu kien ukoll jifrex il-ħidma pastorali tiegħu f'Malta, saħansitra mat-tfal u ż-żgħażagħ, fiż-żewġ kulleġġi tal-Brothers de la Salle, kemm fi Stella Maris, il-Gżira kif ukoll f'dak ta' Bormla.

## KIEN BNIEDEM TA' TALB

Forsi meta wieħed iħares lejn din il-ħajja attiva ta' Ħuna Patri Marċell bir-raġun kollu jistaqsi: Imma dan kien isib ħin għat-talb? It-tweġiba hija fl-affermattiv. Dan Ħuna kien tassew il-bniedem li fil-ħajja tiegħu dejjem għaraf jgħaqqad il-ħidma enerġetika tiegħu ma' mumenti twal ta' talb u jżomm il-bilanċ meħtieġ bejniethom. Huwa stess, meta jitkellem dwar l-esperjenzi tiegħu fl-Indja, jistqarr dwar l-influwenza li Mother Teresa kienet ħalliet fuqu. *"Il-programm tagħha fittex li jagħmlu l-programm tiegħu. Għandek kemm għandek xogħol xi twettaq, qatt m'għandek tħalli barra t-talb personali u mal-fraternità, u ma' dan trid tfittex iżżid mumenti twal ta' adorazzjoni waħdek quddiem it-tabernaklu."* U dan Patri Marċell baqa' jagħmlu sal-aħħar ta' ħajtu. U proprju minn hawn kien jirċievi l-enerġija meħtieġa għax-xogħol pastorali tiegħu.



*P. Marċellinu meta mar bħala missjunarju fil-Kenja*

Fil-ftit ġranet li dan Ħuna għadda marid fl-Isptar Mater Dei, fi stat ta' konfużjoni, fejn għal diversi mumenti beda anke jitlef il-konoxxenza marid ieħor li kien f'sodda maġenbu, hekk qal lil Patri Bernard Mangion, wieħed mill-kappillani tal-isptar: *"Ngħidilkom li qed nisma' l-quddiesa kuljum, għax dan is-saċerdot ħlief jitlob billi jtenni t-talb tal-quddiesa ma jagħmilx."* Sewwa jgħidu li kif tgħix tmut! Ħuna Patri Marċell għex jitlob u miet jitlob.

## FUNERAL U DIFNA

Kif ktibna diġà, il-funeral ta' Ħuna Patri Marċell Vella sar nhar l-Erbgħa, 23 ta' Ottubru 2019, u fl-assenza tal-Ministru Provinċjali mexxa l-Vigarju Provinċjali Ħuna Patri Hayden Williams. Fl-omelija mqanqla li għamel, dan Ħuna għamel riflessjoni dwar ix-xahar li fih Patri Marċell ħalliena. Huwa bħala missjunarju għadda għall-ħajja ta' dejjem proprju fix-xahar ta' Ottubru, meta l-Papa Franġisku, bil-għan li jfakkar għeluq il-100 sena mill-pubblikazzjoni tal-ittra appostolika ***Maximum illud*** tal-Papa Benedittu XV (1919-2019), ried li jkun xahar kollu kemm hu ddedikat lill-missjoni u lill-missjunarji.

Kienu ħafna s-saċerdoti li attendew għall-konċelebrazzjoni li saret fil-knisja ta' San Ġużepp Ħaddiem fix-Xemxija, fosthom il-kappillani kemm ta' San Pawl il-Baħar u anke tal-Mellieħa, flimkien ma' ħafna aħwa Franġiskani Kapuċċini u anke aħwa Franġiskani Minuri. Il-kant waqt il-quddies ġie animat minn Carmen, oħt Patri Marċell, flimkien ma' żewġha, li jiffurmaw il-grupp tal-Green Fields.

Meta nħarsu lejn il-ħajja twila u għanja ta' Ħuna Marcellino, bla dubju jibqa' jispikka għas-snin twal li għamel fil-missjoni tal-Indja u anke għaż-żmien li għamel il-Kenja. Is-sempliċità, l-umiltà, il-karattru ferrieħi, il-pariri u anke s-sagrament tal-qrar u l-ħajja ta' talb tiegħu jibqgħu marbuta ma' dan Ħuna. Kien bniedem li kien ferm diffiċli li jkollok xi tgħid miegħu jew tirrabjah. Huwa ħabb in-natura, għex man-natura u kkultiva billi ħaddem in-natura. Flimkien mal-imħabba kbira li kellu lejn il-ħamrija u l-annimali kienet tispikka fih in-namra mal-baħar.

Bħala provinċja tlifna missjunarju ieħor f'inqas minn sena, wara li reċentement diġà tlifna lil Ħutna Patri Pelaġju Bilocca u lil Patri Joe Galea. Għal dawn it-tliet missjunarji li mietu matul is-sena 2019 ġiet iċċelebrata quddiesa b'suffraġju għal ruħhom f'Jum il-Missjoni tal-Kapuċċini, li ġie ċċelebrat nhar is-Sibt, 9 ta' Novembru 2019, quddiesa konċelebrata li ġiet preseduta mill-Ministru Provinċjali Ħuna Patri Effie Mallia. Dawn Ħutna nkomplu nitolbu għalihom.

Il-ġisem ta' Ħuna Patri Marcellino Vella ndifen fl-oqbra tagħna l-Kapuċċini fiċ-Ċimiterju ta' Marija Addolorata f'Raħal Ġdid. Aħna li ħabbejnieh u konna miegħu matul ħajtu, inkomplu nissuktaw l-imħabba u l-għaqda tagħna miegħu permezz tat-talb tagħna għalih. RIP. ■

FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap



# IR-RIFORMA TAL-KNISJA U L-VERA KONVERŻJONI, IL-MESSAĠĠ TA' LOURDES U L-100 SENA TAL-KAPPELLA FIL-FURJANA

Xi drabi nieħu l-impressjoni li l-kelma 'konverżjoni' fil-ħajja Nisranija saret kelma sabiħa biex inxandruha u nisħqu fuq il-ħtieġa tagħha. Imma nesperimenta kemm drabi nirrepetiha mingħajr ma naħseb fuq ir-relazzjoni tassew ma' ħajti? Il-Papa Franġisku għal darb'oħra, fl-awguri tiegħu tal-Milied lill-membri tal-Kurja Rumana, reġa' mhux biss daħal fil-fond ta' dan imma żied id-doża ftit aktar milli għamel fis-snin ta' qabel, jew aħjar kompla jibni fuq dak li qal qabel u kien ftit aktar konkret u attwali. Għax jekk irridu nimxu ftit aktar 'il quddiem fir-riforma tal-Knisja, u dan ifisser fil-ħajja personali u individwali ta' kull wieħed u waħda minna, irridu nibdew minna nfusna; irrid nibda jien minni stess!

F'dawn l-aħħar ftit snin is-sejħa għar-riforma til-Knisja, jiġifieri l-vera konverżjoni tagħha u tal-membri kollha tal-Knisja, inħasset fuq quddiem nett tal-ħidma tagħha. Mill-ewwel niftiehmu ċar ħafna: din mhux xi ħaġa ġdida li qed issir issa, jew inkella, xi ħaġa agħar, irridu nibdew mill-ġdid, qisu fl-imgħoddi ma sar xejn. "Huwa dmir tagħna nagħtu valur lill-istorja biex nibnu futur li jkollu pedament sod, li jkollu għeruq fil-fond, li b'hekk jista' jagħti ħafna frott," itenni l-Papa. Għalhekk jeħtieġ, ikompli l-Papa Franġisku fid-diskors imsemmi, li din ir-riforma u dan it-tiġdid iridu jkunu mibnija fuq "it-tradizzjoni b'saħħitha" tal-Knisja Kattolika, għax "it-tradizzjoni hija l-garanzija tal-futur u mhux il-ħarriesa tal-irmied".

### IL-PAPA FRANĠISKU JIBDA R-RIFORMA TAL-KNISJA LLUM

Kif nafu, il-Papa mill-ewwel mumenti meta l-Mulej għażlu biex ikun ir-ragħaj tal-Knisja universali, ħassu msejjaħ biex jagħti spinta qawwija ħafna fuq dan. U hekk għamel fil-għażla stess ta' ismu "Franġisku" għall-ewwel darba fl-istorja tal-Knisja u fl-istil ta' ħajja li huwa għażel, bħal San Franġisk t'Assisi. Ir-riforma mixtieqa tal-Knisja, fil-membri kollha tagħha, fl-organi kollha, l-aktar fiċ-ċentru, kemm tal-Knisja f'Ruma kif ukoll fid-djoċesijiet, fl-ordnijiet reliġjużi fuq il-livelli kollha u fil-ħajja individwali, minn hawn iridu jibdew. "Ix-xandir tal-Evanġelju hija l-grazzja u l-vokazzjoni proprja tal-Knisja, l-identità tagħha l-aktar profonda. Hija teżisti biex ixxandar l-Evanġelju," kien qal il-Papa qaddis S. Pawlu VI fl-ittra *Evangelii nuntiandi* fl-1975. U l-Papa qaddis l-ieħor, S. Ġwanni Pawlu II, fl-1990 fl-enċiklika *Redemptoris missio,* reġa' saħaq fuq l-istess responsabbiltà li lkoll għandna bħala mgħammdin. Għalhekk huwa wisq meħtieġ li l-Knisja fil-livelli kollha tagħha, u kulħadd skont is-sejħa tiegħu jew tagħha, irridu naraw jekk b'ħajjitna, b'ħidmietna u l-qagħda tagħna aħniex ngħinu l-Knisja, illum, madwarna, twettaq dan u naraw x'nistgħu nagħmlu aktar biex inwettqu dan!

Kif itenni l-Papa f'dan id-

diskors tal-awguri tiegħu, "Kull bidla hija konverżjoni, jiġifieri bidla sħiħa interjuri," u bidla mill-għeruq tar-ruħ, tal-moħħ u l-qalb tagħna. Hawn il-Papa Franġisku fakkar fi kliem simili tal-qaddis ġdid li ddikjarah huwa stess fit-13 t'Ottubru li għadda: il-Kardinal John Henry Newman, li kien Anglikan Ingliż u kkonverta mhux biss mir-reliġjon tiegħu imma b'bidla sħiħa ta' ħajtu, vera 'riforma' tiegħu nnifsu, u għex ħajja qaddisa sal-aħħar.

Għax xejn ma jiswa nitkellmu fuq ir-riforma 'l hemm jew 'l hawn, anke fil-Knisja; jien jeħtieġli nara kif dan nista' nwettqu aħjar fija stess u f'ħajti kollha.

## IL-MADONNA TISTEDINNA NIKKONVERTU

U hawn bla dubju tidħol il-Madonna u d-dehriet tagħha ġewwa Lourdes, li fil-11 ta' kull xahar ta' Frar il-Knisja stess tfakkarna. Imma mhux sempliċiment biex niftakru u ngħidu l-kurunella tagħha – ħaġa tassew sabiħa, ħafna wkoll, jew inżidu xi devozzjoni – imma nżidu l-impenn tagħna biex jien inkun aħjar!

Għalhekk, billi din is-sena l-kappella tal-Madonna ta' Lourdes, qrib il-kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana, tagħlaq mitt sena mit-tberik solenni tagħha mill-Arċisqof ta' Malta Mawru Caruana OSB fis-26 ta' Diċembru 1920, ilkoll imsejħin biex nieħdu sehem fid-devozzjonijiet li jsiru fil-kappella, inqaddsu l-jiem għeżież tad-dehriet imma fuq kollox nimpenjaw ruħna biex nilqgħu b'qalb kbira l-istedina li l-Madonna ttennilna: "Penitenza, penitenza, penitenza", u nitolbu r-rużarju għall-konverżjoni tal-midinbin u l-fejqan tal-morda kollha, anke dawk morda spiritwalment, li xi drabi ma jarawx, jew aħna stess ma narawx, il-mard tagħna.

Niftakru li l-Madonna bħala Ommna tassew tħobbna u tixtieq tara fina lkoll, membri tal-Knisja ta' Kristu, uliedha tassew Insara li nagħtu sehemna għal dan it-tiġdid veru, riforma tassew fil-ħajja u fl-imġiba tagħna. Għalhekk tistedinna l-ewwel u qabel kollox inkomplu nitolbu għall-Papa u l-isqfijiet tagħna, biex ikunu huma l-mexxejja li jagħtu direzzjoni, l-aktar b'ħajjithom u bit-tagħlim tagħhom, u biex il-Mulej jagħtihom id-dawl u ma jaqtgħux qalbhom f'din il-mixja evanġelika, anke meta jkunu kkritikati jew isibu reżistenza, l-aktar fi ħdan il-Knisja stess. Imbagħad inkomplu lkoll nagħtu sehemna kull fejn inkunu, fl-oqsma kollha tal-familja, l-għaqdiet, il-movimenti, il-ħajja pubblika u soċjali, f'kull livell tal-amministrazzjoni pubblika, fil-kummerċ u n-negozju, fid-divertiment u fuq kollox fl-imħabba u



*Il-Papa Franġisku jitlob quddiem il-Madonna ta' Lourdes fil-grotta tagħha fil-Ġonna tal-Vatikan.*

l-karità lejn għajrna kollu u ħafna aktar. Hekk l-istedina tal-Papa Franġisku, li qed itennilna l-istess messaġġ ta' Marija, ngħixuha lkoll mill-aħjar li nistgħu b'impenn u bi mħabba u fuq kollox bil-ferħ kollu ta' qalbna.

B'dan il-mod ukoll, kif aħna qrib it-tmiem ta' dax-xahar ta' Frar, nibdew iż-żmien tar-Randan, li huwa żmien ta' penitenza; niftakru li din hija l-akbar penitenza u l-aktar waħda importanti, li anke skont il-Papa hija meħtieġa. Kif jitlob minna lkoll ir-Randan imqaddes, ma nħallux, anzi nżidu b'impenn u kemm nistgħu, penitenzi anke esterni, imma nimpenjaw ruħna bil-forzi kollha tagħna biex dan li qed jistedinna nagħmlu l-Papa nwettquh u hekk inkunu ngħinu l-Knisja dejjem aktar fis-sejħa proprja tagħha fix-xandir tal-Evanġelju "bil-ħajja kollha ta' kull Nisrani". ■

# AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA



BR MIGUEL ZAMMIT OFMCap
SEGRETARJU PROVINĊJALI

## FRAR 2020







### 1. IRTIR GĦALL-AVVENT GĦALL-MEMBRI TAL-GRUPPI TA' TALB TA' PADRE PIO

Matul iż-żmien tal-Avvent, bi preparazzjoni għall-festi tal-Milied, l-aħwa membri tal-gruppi ta' Padre Pio f'Malta ħadu ħsieb jorganizzaw l-irtir annwali tagħhom. Din l-inizjattiva ġiet organizzata mid-direttur nazzjonali tagħhom Ħuna Fr Carmelo Dimech OFMCap flimkien mal-kunsill tiegħu.

Minħabba l-għadd ġmielu ta' membri li attendew, ġew imqassma fi tliet gruppi. L-ewwel grupp iltaqa' nhar it-Tnejn 2 ta' Diċembru, it-tieni grupp nhar l-Erbgħa 4 ta' Diċembru filwaqt li t-tielet grupp kellu l-irtir tiegħu nhar il-Ħamis 12 ta' Diċembru. B'kollox kienu 'l fuq minn 500 membru li pparteċipaw.

It-tliet irtiri, li saru fid-dar tal-irtiri tal-Porziuncola f'Baħar iċ-Ċagħaq, kienu mqassma b'ħinijiet ta' talb flimkien, speċjalment il-quddiesa, immexxija mid-Direttur Fr Carmelo Dimech OFMCap. Saret ukoll konferenza minn Ħuna Fr Philip Cutajar OFMCap dwar l-ispiritwalità ta' Padre Pio, b'relazzjoni mal-Milied u kif dan nistgħu ngħixuh illum, ħin ta' adorazzjoni ewkaristika u bews tal-ingwanta tal-qaddis. ■

### 2. MILIED MAL-FQAR

Bħalma issa ilu jsir għal diversi snin, il-fraternità tagħna tal-Kalkara, fil-festa tal-Milied, stiednet għall-ikla ta' nofsinhar ta' nhar il-Milied lir-residenti ta' Dar Victoria, li hija parti mill-fondazzjoni tagħna Suret il-Bniedem. Kien tassew mument sabiħ kemm għar-residenti u anke għall-aħwa tagħna, li jagħmlu din l-ikla flimkien f'atmosfera sempliċi u ferrieħa. Ir-residenti issa saru

jistennew dan il-mument ta' ikla flimkien mal-aħwa. L-aħwa ma naqsux milli jferrħu lil dawn ir-residenti b'innijiet tal-Milied u anke b'rigal ċkejken. Jalla dan l-ispirtu sempliċi u ferrieħi jkompli jikber ukoll fil-qlub tagħna lkoll. ■



## 3. IL-FRATERNITÀ PROVINĊJALI TILTAQA' FLIMKIEN GĦALL-MILIED



Bħal kull sena, l-aħwa Kapuċċini kollha tal-provinċja f'Malta u Għawdex iltaqgħu għal-laqgħa tal-Milied nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Diċembru 2019. L-ewwel parti ta' din il-laqgħa saret fil-knisja tas-Salib Imqaddes tal-Kapuċċini fil-Furjana, filwaqt li t-tieni parti tal-laqgħa saret fir-refettorju tal-istess kunvent.

L-aħwa Kapuċċini ltaqgħu għal mument ta' talb animat minn Ħuna Fr Hayden Williams OFMCap. Wara saret adorazzjoni sagramentali li fiha sar it-tiġdid tal-kunsilli evanġeliċi mill-aħwa kollha preżenti. Dan tmexxa minn Ħuna l-Ministru Provinċjal Fr Effie Mallia OFMCap. Fil-kelmtejn li wassal lill-aħwa preżenti l-Ministru Provinċjal enfasizza dwar il-messaġġ relevanti u attwali tal-ispiritwalità Franġiskana b'relazzjoni mal-festa tal-Milied. Huwa ġibed l-attenzjoni għall-mod li bih kien imżejjen l-artal prinċipali, bil-figura ta' San Franġisk t'Assisi għarkupptejh iqim lil Ġesù Bambin. Dan l-ispirtu tal-Milied l-aħwa Kapuċċini għandhom is-sejħa li mhux biss iħabbruh lill-oħrajn, kif għamel din is-sena l-Papa Franġisku, imma li qabelxejn jgħixuh ukoll huma permezz tal-ferħ, l-għaqda u l-imħabba f'kull fraternità.



Wara l-ħin tat-talb, li ntemm bil-barka sagramentali, il-provinċja ferħet lil dawk li matul is-sena 2019 iċċelebraw xi anniversarju speċjali. Dawn huma:

50 SENA MILL-ORDINAZZJONI PRESBITERALI
Lawrenz Briffa (2.3.1969)

50 SENA MILL-PROFESSJONI TEMPORANJA
Joseph Grixti (21.9.1969)
Effie Mallia (21.9.1969)

25 SENA MILL-ORDINAZZJONI PRESBITERALI
Franco Fenech (8.7.1994)



Hekk kif intemmet iċ-ċelebrazzjoni l-aħwa kollha preżenti ltaqgħu fir-refettorju tal-kunvent tal-Furjana, fejn bi mħabba kbira ġiet

ippreparata għalihom ċena bil-għan li filwaqt li jawguraw lil xulxin l-ispirtu tal-Milied u sena ġdida mimlija paċi u ġid, ikollhom kull opportunità sabiex jaqsmu flimkien il-ferħ ta' dan iż-żmien qaddis. ■





## 4. L-IKLA TAL-BIDU TA' SENA ĠDIDA

Bħal kull sena l-komunità Eritreana Kattolika f'Malta ċċelebrat l-ikla tal-bidu ta' sena ġdida. B'inizjattiva tad-direttur tagħhom Ħuna Fr Philip Cutajar OFMCap, din saret nhar il-Ħamis, 2 ta' Jannar 2020. Huma kull sena jagħżlu restaurant li joffri ikel Eritrean, ikel tipiku tagħhom mhux biss fil-kwalità ta' ikel u kif jiġi msajjar imma wkoll kif jiġi ppreżentat fuq il-mejda u wkoll il-mod kif jittiekel. Ħuna Fr Philip kull sena jagħraf jadatta għas-sitwazzjoni u għall-kultura tagħhom billi bħalhom jiekol mill-istess ikel tagħhom u wkoll inewwel idejh fid-dixx biex jerfa' l-ikel u bħalhom jiekol b'idejh. Kull kultura fiha s-sabiħ tagħha, u hawnhekk jidher is-sens ta' qsim flimkien mill-ikel fl-istess dixx b'sens ta' mħabba, għaqda u ħbiberija. Dawk preżenti jitqassmu fi gruppi ta' erba' persuni, fejn kull grupp ikollu d-dixx tiegħu mimli b'xi ħames kwalitajiet ta' ikel u ħaxix differenti. Tingħad it-talba tal-bidu u kulħadd imidd idejh biex jiekol mingħajr skieken u frieket. Ħadd ma jqum mill-mejda. Kif jispiċċa l-ikel u tingħad it-talba ta' radd il-ħajr kulħadd imur jaħsel idejh. Fl-aħħar jitqassam it-te jew il-kafè, anke dan skont il-kultura tagħhom.

Din is-sena seħħet b'mod spontanju xi ħaġa ġdida. Permezz tal-mobile li lkoll kellhom f'idejhom irnexxielhom iċemplu u jikkomunikaw ma' dawk l-Eritreani li darba kienu magħna f'Malta u llum qegħdin l-Amerika, il-Kanada jew Franza. Kien tassew mument kommoventi u ta' ferħ, meta lkoll setgħu jgħixu t-tifkiriet tal-imgħoddi, u għalkemm issa qed jgħixu eluf ta' kilometri 'l bogħod minn xulxin, ħassew l-għaqda ta' bejniethom f'dan iż-żmien sabiħ tal-Milied u l-bidu ta' sena ġdida. L-awguri lil xulxin ma naqsux. ■




## 5. ATTIVITÀ TAL-EPIFANIJA GĦALL-BENEFATTURI TAL-MISSJONI







Nhar il-Ħadd 5 ta' Jannar, festa tal-Epifanija, saret il-laqgħa annwali tal-Milied organizzata mill-Uffiċċju tal-Missjoni tagħna l-Kapuċċini. Din ġiet organizzata fiċ-Ċentru Kultura Franġiskana u għaliha kienu mistiedna benefatturi tal-missjoni, artikolisti li jagħtu l-kontribut tagħhom fir-rivista *Dawl Franġiskan* u anke dawk li jqassmu r-rivista lill-abbonati tagħna.

Din il-laqgħa ġiet miftuħa b'talba mill-Ministru Provinċjal Fr Effie Mallia OFMCap, li wara għamel diskors ta' radd il-ħajr lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor, b'mod volontarju, qed jgħinu fil-ħidma tal-animazzjoni missjunarja. Huwa sellem kemm lill-missjunarji li għadhom jaħdmu fil-Kenja kif ukoll lill-ex missjunarji li wħud minnhom kienu preżenti għal din il-laqgħa.

Wara għamel id-diskors tiegħu Ħuna Fr Philip Cutajar OFMCap bħala direttur tal-Uffiċċju Missjoni tal-Kapuċċini. Huwa fisser għaliex din il-laqgħa annwali tal-Milied dejjem issir fil-festa tal-Epifanija. Dan minħabba l-karattru speċifiku ta' din il-festa, li huwa wieħed missjunarju. Fr Philip għadda biex jagħmel referenza għall-attivitajiet speċjali li saru matul is-sena 2019, bil-għan li jrodd ħajr lil kull min ta s-sehem tiegħu. Huwa wkoll ippreżenta rendikont finanzjarju, kemm id-dħul kif ukoll il-ħruġ, għas-sena 2019. Dan kien rendikont li jikxef l-imħabba u l-ġenerożità tal-Maltin u l-Għawdxin b'risq il-missjoni u fl-istess waqt jingħata għarfien ta' fejn marru l-flus miġbura.

Matul din il-laqgħa bħal kull sena ttellgħu l-biljetti rebbieħa tal-lotterija tal-Milied li ssir b'risq ir-rivista *Dawl Franġiskan* u l-missjoni. Il-biljetti rebbieħa huma:

L-1 premju: Barbara (Ħaż-Żabbar) bin-numru 030149
It-2 premju: Frances Borg (Ħaż-Żabbar) bin-numru 010129
It-3 premju: Louise Camilleri (ir-Rabat Għawdex) bin-numru 071284



Filwaqt li nifirħu lir-rebbieħa nixtiequ ngħidu grazzi kbira lil dawk kollha li ħadu sehem f'din il-lotterija, għax b'hekk għenu fid-dħul li sar minnha b'risq il-missjoni. ■

FR PAUL BUGEJA OFMCap



# SAN PAPA GIOVANNI XXIII



San Giovanni XXIII Papa, imwieled bħala Angelo Roncalli fl-1881, kien ordnat saċerdot fl-1904. Kien delegat appostoliku fit-Turkija u l-Greċja, u meta kien fit-Turkija ħadem bis-sħiħ biex isalva eluf ta' refuġjati Lhud. Fl-età ta' 76 intgħażel bħala papa, fl-1958. Kien hu li ħabbar il-Konċilju Vatikan II fl-1962.

## POLENTA



**Ingredjenti:**

4 porzjonijiet ta' polenta lesta (din issibha fis-supermarkets)
250 gr mushrooms
3 mgħaref żejt/butir
tewma mqattgħa rqiq
4 biċċiet panċetta mqattgħa

**Tisjir:**

1. Qalli l-panċetta li tkun qattajt f'kubi żgħar.
2. Wara żid it-tewm u kompli sajjar għal 3 minuti.
3. Żid il-mushrooms li tkun qattajt f'biċċiet żgħar.
4. Wara 15-il minuta neħħi minn fuq in-nar.
5. Sajjar il-polenta.
6. Poġġi l-polenta ġo erba' platti u fuq kull porzjon ferra' t-taħlita tal-mushrooms.

FR WISTIN ATTARD OFMCap



# TISLIBA NRU 180




1. … tmiemna, magħduda jiemna. (Lam. 4, 18) (5)
2. Ġowab qassam in-nies quddiemhom. (1 Kron. 19, 10) (6)
3. Kellu tnejn minnhom. (Tob. 9, 5) (5)
4. Kien kbir dan. (Esd. 1, 6) (5)
5. Tax-xemx, qamar u l-kwiekeb. (1 Kor. 15, 41) (4)
6. U jaħrab **ma' ħadd.** (2 Mak. 8, 35) (5)
7. U issa qum u iżjed. (2 Sam. 19, 8) (5)
8. Kap tat-tribù ta' Naftali. (Num. 2, 29) (5)
9. Hekk tiġi mill-Mulej. (Lq. 1, 43) (3)
10. Annimal b'erba' ġwienaħ. (Dan. 7, 6) (7)
11. u 12. Sew jekk…, u sew jekk… (1 Tess. 5, 10) (6)
13. Nistgħu nitolbu jew hekk. (Efes. 3, 20) (6)
14. Is-sultan kien fuqu. (Għan. 1, 12) (5)
15. Ir-raġel li ħdimt miegħu… (Rt 2, 19) (5)
16. Jinbidel mal-Karmel. (Naħ. 1, 4) (5)
17. **Għażilt** żagħżugħ u għollejtu. (S. 89, 20) (5)
18. Hekk ħajja jew toqtolha? (Mk 3, 4) (7)
19. Fl-imħabba, fidi u f'din. (1 Tim. 4, 12) (4)
20. Hekk jismu l-Bieb. (Sof. 1, 10) (3)
21. Hekk agħmlu lil xulxin. (Kol. 3, 13) (5)
22. Għana… mit-teżori tal-Eġittu. (Lhud 11, 26) (5)

# AĦSEB U WIEĠEB

1. Iqum mill-mewt wara: ġimgħa, jumejn, tlitt ijiem. (Mk 10, 34)
2. Min jista' jaħfer id-dnubiet: Alla waħdu, il-Knisja, is-saċerdot. (Lq. 5, 21)
3. Lill-agħma: ferħulu, ħarrkuh, keċċewh 'il barra. (Ġw. 9, 34)
4. Filippu sab ruħu: Ażotu, Ġerusalemm, id-dar. (Atti 8, 40)
5. Tagħmel sinjali kbar, tniżżel mis-sema: ix-xita, in-nar, is-silġ. (Apk. 13, 13)
6. Il-qalb ta' dan il-poplu: waqfet, għaġġlet, twebbset. (Mt. 13, 15)
7. Ġakbu u Ġwanni riedu joqogħdu: fuq il-lemin u x-xellug, quddiem, isfel. (Mk 10, 37)
8. Il-marid telaq lejn id-dar: jiġri, ifaħħar lil Alla, jaqbeż. (Lq. 5, 25)
9. L-agħma qal lil Ġesù: Nemmen Mulej!, Ma nafekx!, Min int? (Ġw. 9, 38)
10. Kif Sawl qorob lejn Damasku: waqaf, qabdu l-għatx, idda dawl madwaru. (Atti 9, 3)

---

**Agenda**bookshop

**Soluzzjoni għal Tisliba #179**

1. Xorta; 2. Iservi; 3. Papir; 4. Jasar; 5. Atad; 6. Ilpup; 7. Oqsma; 8. Artal; 9. Tir; 10. Ixandru; 11. u 12. Tiċrit; 13. Iljuna; 14. Naslu; 15. Irbit; 16. Jafda; 17. Imrar; 18. Assirja; 19. Seħħ; 20. Jum; 21. Leħni; 22. Dinja

Ir-rebbieħa tax-xahar ta' Jannar 2020

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn **AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED**. Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni huwa PAUL BONNICI - 77, Flat 4 - Triq il-Miratur - Il-Furjana.

Ir-rebbieħa tat-Tisliba Nru 179 hija: Sr Bernardette Xuereb - 14, Monasteru Santa Skolastika - Triq Santa Skolastika - il-Birgu - BRG 1445. Nistiednu liż-żewġ rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA' TGĦIN

## L-EWWEL U QABEL KOLLOX OFFRI T-TALB U S-SAGRIFIĊĊJI TIEGĦEK GĦALL-ĦTIĠIJIET SPIRITWALI TAL-MISSJUNARJI.

**1. BORŻA TA' STUDJU**
sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

**2. IBAGĦTULNA BOLOL TAJBIN JEW UŻATI**
Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI**. Kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€7.

**3. NAPPREZZAW LI TIBAGĦTULNA RĊEVUTI**
tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv.

**4. BAŻAR B'RISQ IL-MISSJONI**
jkun miftuħ kuljum mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00 a.m. u l-11.30 a.m. Ejjew ixtru u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni.

**5. QEGĦDIN NOĦORĠU ĦAFNA FLUS FI SPEJJEŻ TAL-POSTA**
sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK. Għandna bżonn: Bormla, parti minn Birkirkara, Tas-Sliema, Paola, Sta Luċija, Ħal Tarxien, l-Imsida u San Ġiljan.

**6. GĦAJNUNA FL-EDUKAZZJONI TAT-TFAL**
B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

**7. INTENZJONIJIET GĦALL-QUDDIES**
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

**8. META TIĠI BIEX TAGĦMEL IT-TESTMENT,**
wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.



**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**

BOV Kont Missjoni Kenja 40019998299
HSBC Kont Missjoni Kenja 089-021505-050
APS bank Kont Missjoni Kenja 2000039057-6
BOV Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646
HSBC Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052